FRAR 2010 – IT-30 SENA – GĦADD 297 – NEWSPAPER POST – ISSN 1811-5373



# dawlFranġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

















3 **Insara tar-Reġistri**
Editorjal

4 **Personaġġi Bibliċi**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

7 **Missjoni**
minn Fr Hilary Abela OFMCap

8 **L-Istonku u l-Aċidu**
minn Dr Josef Micallef MD, MRCP (UK)

9 **Poeżija**
minn Kav. Joe M. Attard

10 **Epifanija... Jew Aħjar Epifaniji**
minn Lawrence Attard

11 **Il-Kapuċċini u d-Dar tal-Industrija fil-Floriana (1825)**
minn Winston L. Zammit, B.A.,(Hons), P.G.C.E., M.A.

12 **Tifkira ta' Patri Leonard Busuttil OFMCap 1917 – 2009**
minn Fr Martin Micallef OFMCap, Segretarju u Arkivista Provinċjali

16 **Il-Hela**
minn Kav. Joe M. Attard

17 **Is-Saċerdozju b'Lenti Franġiskana**
minn Patri Mario Attard OFMCap

18 **Battalji Ġodda**
minn Manwel Micallef

20 **Vokazzjoni**
minn Br Dennis Calleja OFMCap

21 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

22 **Ġustizzja**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

23 **Poeżija**
minn Kav. Joe M. Attard

24 **Novella**
minn Emily Barbaro-Sant

26 **San Pawl... Il-Poeta u l-Globalizzazzjoni (1)**
minn Philip E. Said

28 **Il-Bolol ta' Malta (20)**
minn Tony C Cutajar

29 **Abbonament dawlFranġiskan**

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Katekeżi tal-Papa Benedittu XVI**
minn Harry Agius Ordway


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**San Pawl akkompanjat minn Publju maħtur Isqof tal-Gżira jxandar il-bxara t-tajba.**
*Pittura ta' Envin Cremona fil-knisja Arċipretali, Floriana.*
*Hajr: Arċipriet Dun Richard Borg*


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037



*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*

© Dawl Franġiskan 2010
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini




# INSARA TAR-REĠISTRI

Malta u Għawdex minn dejjem kienu speċjali f'ħafna oqsma, speċjalment fir-reliġjon li nħaddnu. Idħol xi darba f'xi uffiċċju parrokkjali u ara ssibx ruxxmata ta' reġistri mimlija ismijiet ta' persuni li huma mniżżla bħala nsara. Insara tar-reġistri għandna bir-rimi! Imma xi ngħidu għall-insara tal-fatti?

Fl-Ittra Pastorali tal-Avvent tas-sena 2009, l-Isqfijiet tagħna lmentaw mill-fatt li ħafna nsara Maltin u Għawdxin jingħarfu **"biss mir-reġistri tal-Magħmudijiet"**. Fi kliemhom stess, **"hawnhekk tiġi l-kuntradizzjoni ta' xi whud. Ngħid li jien nisrani u ma nersaqx lejn il-Knisja, lejn il-Kelma ta' Alla u lejn l-Ewkaristija. Din il-ħaġa ssir biss meta nitkellmu fuq il-fidi tagħna, għax meta fil-ħajja soċjali tagħna nidħlu għal xi mpenn, normalment naċċettaw dak kollu li titlob din l-għażla. Ngħidu li aħna nsara, iżda ma nipprattikawx il-fidi, u allura nibdew nitbegħdu mill-fidi jew ngħixuha biss fil-qoxra!"**

U tgħid tassew qegħdin ngħixuha biss fil-qoxra? Il-fallimenti fiż-żwiġijiet, is-separazzjonijiet li qegħdin ifaqqsu iżjed mill-flieles, il-kilba għall-pjaċir tal-mument, il-kultura ta' xejn mhu xejn, żgur li qed jikkwalifikawna bħala nsara tar-reġistri! U dan għaliex m'aħniex nagħtu widen għall-Kelma ta' Alla. It-tgħajjir qed iġib iżjed tgħajjir, it-tradiment qed jitpatta bi tradiment, is-serq jiġi mwieġeb bis-serq eċċ... U f'dan it-taħwid kollu li l-ħażen li qed nagħżlu qed idaħħalna fih, il-Kelma ta' Alla tħambqilna kontinwament: **"Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarqux! La ż-żienja, la idolatri, la adulteri, ... la ħallelin, la rgħiba, la skaren, la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla!"** (1Kor 6:9-10). U jekk wieħed jispiċċa barra s-saltna ta' Alla x'hemm jistennieh jekk mhux it-telfien ta' dejjem? **"Jiena ngħidilkom li għad jiġu ħafna mil-lvant u mill-punent u joqogħdu fuq il-mejda ma' Abraham u ma' Iżakk u ma Ġakobb fis-Saltna tas-Smewwiet, waqt li dawk li twieldu fis-Saltna jitkeċċew 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien!"** (Mt 8: 11-12).

Ejjew nisimgħu lil San Pawl li ġie fostna elf, disa' mija u ħamsin sena ilu, jerġa' jħabbrilna l-Kelma ta' Alla llum permezz ta' din l-affermazzjoni qawwija tal-Isqfijiet tagħna: **"Il-komunità tal-Knisja trid tingħaraf iktar mill-kliem u l-imġiba tal-membri tagħha milli biss mir-reġistri tal-Magħmudijiet"**. Kun nisrani ta' veru. Jalla ħajtek xxandar kliemek ta' mħabba għal Ġesù. Jekk tagħmel hekk ismek jibqa' mniżżel fir-reġistru tal-ħajja ta' dejjem! •



# Is-Sultana ta' Saba

## (Mara rżina tassew)

**L-istorja ta' din il-mara qalbiena, għaqlija u ta' karattru iebes qiegħda l-aktar f'relazzjoni ma' dik tas-sultan Salamun. Dan is-sultan, li kien it-tifel ta' David, fuq ix-xewqa ta' Salamun stess Alla żejnu b'dehen u għaqal kbir. U l-glorja ta' dan is-sultan l-aktar li dehret kienet fit-tempju li bena. U Alla ppremjah lil Salamun tant li qallu: "Qed nagħtik moħħ għaref u għaqli, hekk li ħadd qablek ma kien hawn bħalek u anqas warajk ma jkun hawn". U dan kollu seħħ tassew.**

### IL-KUMMERĊ MA' SABA

Kemm minħabba l-bini tal-maqdes li Salamun ried li jkun fost l-isbaħ u l-ogħna fil-pajjiż kif ukoll biex isiru l-offerti 'l Alla, Salamun għamel ħbieb ma' ħafna pajjiżi oħra barranin biex minn għandhom ukoll jakkwista l-aqwa u l-aħjar dejjem favur il-maqdes. Fost dawn il-pajjiżi kien hemm li minn għandhom Salamun akkwista dak li huwa tajjeb hemm il-belt ta' Saba.

Din il-belt tal-Lvant Imbiegħed bosta drabi tissemma ma' ħafna tribujiet





Għarab oħra, fejn illum hemm il-Jemen. Din il-belt isimha jidher ukoll fil-kitbiet tal-Assirja. Ħafna kummerċ kien jitlaq minn din il-belt lejn il-Punent. Fost l-oġġetti li l-belt ta' Saba kienet tesporta lejn Tir u Iżrael kien hemm deheb, ħwawar, drappijiet b'kuluri jkanġu u ħaġar prezzjus, u fost l-ifjen inċens. Il-profeti fosthom Iżaija, **"Mrieħel ta' iġmla għad jgħattuk, l-iġmla żgħar ta' Midjan u Għefa; ilkoll minn Saba jiġu, mgħobbija bid-deheb u l-inċens, u jxandru t-tifħir tal-Mulej"** (60:6) u Ġeremija (6:20) ifaħħru lill-belt ta' Saba għad-deheb fin u l-inċens tant ifuħ tagħha. Ġob imbagħad isemmi l-merkanti għaqlin ta' Saba. **"Igħarrxu għalihom il-karwani ta' Taman, il-merkanti ta' Saba jittamaw fihom"** (Ġob 6:19).

Fis-sena 1950 saret esplorazzjoni arkeoloġika Amerikana lejn il-Jemen u r-riżultati li ħarġu xeħtu ħafna dawl dwar il-kummerċ li kien jitlaq minn Saba. Ukoll fl-arkivji tal-Assirja fis-seklu VIII, VII qabel Kristu, jissemmew ħames irġejjen nisa fosthom ir-reġina ta' Saba, li naturalment kienu jmexxu huma. Dan allura jkompli jikkonferma kemm dak li tgħid l-Iskrittura rigward is-sultana ta' Saba huwa minnu (1Slat 10; 2Kron 9). Tajjeb għalhekk li wieħed jidħol f'aktar dettal dwar ir-reġina ta' Saba li isimha jissemma mhux biss fit-Testment il-Qadim, imma wkoll fil-Ġdid.



Iż-żewġ materji prima li r-reġina ta' Saba kienet tesporta kienu d-deheb u l-ħwawar. Magħhom fuq kollox hemm l-inċens. Issa kemm mill-Iskrittura kif ukoll mid-drawwiet tal-Lhud, nafu sew kemm dan il-poplu kien juża d-deheb kif ukoll l-inċens. Is-sultan Salamun xtara ħafna deheb għat-tempju dejjem biex iżejnu bl-akbar mod kif jixraq 'l Alla. **"U Salamun kesa t-tempju minn ġewwa b'deheb mill-ifjen u dendel velu b'ħolqa tad-deheb quddiem is-santwarju u ksieh bid-deheb. U l-altar ta' quddiem is-santwarju ksieh ukoll bid-deheb"** (1Slat 6:21-22a).

L-istess għandu jingħad dwar l-inċens. Ta' kuljum kwantitajiet kbar kienu jinħarqu fit-tempju. L-ewwel bħala sinja ta' adorazzjoni 'l Alla ta' Iżrael. It-tieni biex ir-riħa tfuħ tal-inċens ittaffi xi ftit dawn l-irwejjaħ qawwija tal-bhejjem maħruqa. Ix-xiri tad-deheb u tal-ħwawar kien isir mingħand in-negozjanti ta' Saba. Naturalment dawn meta kienu jirritornaw lejn arthom kienu jirrakkuntaw bid-dettalji kollha x'raw u x'semgħu fil-Palestina b'mod speċjali f'Ġerusalemm. Ma' dan in-negozjanti kienu iżidu jgħidu x'raw fit-tempju u fuq kollox x'jingħad dwar is-sultan għaqli u għaref tagħhom li kien Salamun.

Is-sultana ta' Saba għalhekk meta semgħet b'dan kollu, u fuq kollox bil-għana u l-għerf ta' Salamun, ħabtet toħla xi ftit. Imma din ir-reġina biex timxi mal-karattru tagħha riedet li tara b'għajnejha u tmiss b'idejha biex temmen dak li ntqalilha dwar Salamun. Imma jekk il-leblieba li r-reġina ta' Saba kellha biex tisma' lil dan il-ħakem straordinarju kienet kbira, id-diffikultajiet tal-vjaġġ ma kenux anqas. Però xejn ma kien jimporta dan, l-aqwa li tmur, tara' u tisma.

## TIXXENNAQ GĦALL-GĦERF

Kif kien is-soltu jsir, telqet karwana ta' negozjanti minn Saba mgħobbija bl-inċens, deheb u biż-żjut tal-balzmu u lawdanu. Din id-darba però, kienet waħda speċjali mhux le fil-kwantità ta' ħwawar, daqskemm fil-kwalità, għaliex kien hemm ukoll magħhom ir-reġina tagħhom stess. Il-għan tal-miġja tar-reġina Saba għand Salamun kien ċar: **"Ġiet biex iġġarrbu b'mistoqsijiet tqal f'Ġerusalemm"** (2Kron 9:1b).

Mid-djalogu li sar bejn iż-żewġ ħakklema, Salamun intebaħ li quddiemu kellu mara – reġina ta' ċerta kapaċità intelletwali u għerf kbir. Imma hu li kien imżejjen bil-għerf t'Alla wieġeb għal kull mistoqsija li għamlitlu r-reġina



**"U Salamun weġibha għal kull ma staqsietu; xejn ma kien hemm li baqa' moħbi għas-sultan li ma kienx jista' jwieġbu"** (1Slat 10:3b). U s-sultana ta' Saba kompliet tisma', tiżen u tixtarr il-għerf ħiereġ minn fomm Salamun. Dak li ġiet għalih is-sultana sabitu kollu u bil-kbir.

Matul iż-żmien li r-reġina damet fil-belt il-qaddisa Salamun dawwarha fil-palazz tiegħu. Hadha juriha t-tempju tant għażiż għalih u għal-poplu tiegħu. Xtaq kieku Salamun idaħħal lir-reġina fil-bitħa tat-tempju fejn kuljum isiru s-sagrifiċċji, jew ukoll fil-parti ta' ġewwa fejn il-qassis filgħodu u filgħaxija kien jidħol joffri l-inċens lil Alla. Imma Salamun ma setax jagħmlu dan mar-reġina Saba. Ibda biex din kienet mara u t-tieni ma kenitx Lhudija; allura assolutament ma setgħetx tidħol kull fejn xtaqet hi.

Salamun ma baqax lura milli juri kemm kien tassew għani, għaliex għamel ikliet l-aktar kbar fejn kienu mistiedna bosta mill-kbarat. Ir-reġina Saba ma ħalliet jaħrabilha xejn minn quddiem għajnejha; tosserva, tisma', tgħarrex, tifli u tomgħod. Sa fl-aħħar ir-reġina Saba fetħet qalbha u stqarret fil-beraħ:

**"Tassew kien minnu dak li smajt f'arti fuqek u fuq għerfek; ma ridtx nemmen dawn il-ħwejjeġ qabel ma ġejt u rajt b'għajnejja. U ma kienux ħabbruli nofs il-kobor ta' għerfek. Akbar inti mill-aħbar li smajt"** (2Kront 9:5-6).

Is-sultana ta' Saba ta' intelliġenti li kienet meta semgħet l-għerf ta' Salamun kif ukoll rat l-ordni fil-palazz tiegħu u r-rispett li s-sudditi tiegħu juru lejn it-tempju kkonkludiet li dan il-bniedem – Salamun – għandu l-għajnuna ta' qawwa akbar, għajnuna li hi ma kellhiex avolja forsi kienet aktar għanja minnu. U għalhekk b'għaġeb kbir ir-reġina kompliet: **"Henjin in-nies tiegħek, henjin il-qaddejja tiegħek, li qegħdin miegħek u jisimgħu dejjem il-għerf tiegħek. Ikun imbierek il-Mulej, Alla tiegħek li tgħaxxaq bih, u qiegħed fuq it-tron tiegħu, b'sultan tal-Mulej Alla tiegħek; għax Alla tiegħek ħabb lil Iżrael, u jrid iżommu ħaj għal dejjem, u għamlek sultan fuqhom biex tagħmel il-ħaqq u s-sewwa"** (2Kron 9:7-8).

## REĠINA GĦAQLIJA

Kull mibdi mitmum. Hekk ukoll ġara miż-żjara tas-sultana Saba lil Salamun. Iżda qabel ma nfirdu, iż-żewġ kapijiet taw ir-rigali lil xulxin. Dan tar-rigali huwa sinjal l-aktar sinikifattiv għan-nies tal-Orjent. **"Imbagħad tat lis-sultan mija u għoxrin talen deheb, kotra kbira ta' ħwawar u ħaġar prezzjuż: qatt ma ġiet kotra kbira ta' ħwawar daqs dik li ġiebet is-sultana ta' Saba lis-sultan Salamun"**. (1Slat 10:10).

L-istess ħaġa għamel is-sultan ta' Iżrael. Dan ma baqax lura. **"U s-sultan Salamun ta lis-sultana ta' Saba kull ma kienet tixtieq u talbitu, barra li taha minn rajh ta' sultan li kien"** (1Slat 10:13).

It-test sagru jikkonkludi din il-viżta statali tas-sultana Saba b'dawn il-kliem. **"U hi qabdet it-triq u telqet hi u l-qaddejja tagħha, lejn pajjiżha"** (1Slat 10:13b). Dan juri kemm din ir-reġina kienet mara serja, għarfa u bil-għaqal, mara li ma qagħditx tilgħab man-nar. Kemm damet Ġerusalemm, is-sultana ta' Saba żammet id-dinjità għolja tagħha u ma ntilfitx wara t-tlellix li jleqq biss. Ma riditx li tkun mixtrija mir-rigali li taha Salamun. Ir-reġina ta' Saba flimkien mal-qaddejja tagħha telqet b'rasha merfugħa 'l fuq u waslet pajjiżha ferħana, għaliex akkwistat il-għerf.

Interessanti ħafna kif din il-ġrajja tas-sultana ta' Saba jsemmiha wkoll Ġesù. Il-kuntest kien fejn Ġesu juri lin-nies li huwa bil-bosta aqwa minn Salamun. U l-Lhud ma redux jaċċettawh, għalhekk is-sultana ta' Saba stess għad tkun ta' ċanfira għall-poplu Lhudi. **"F'jum il-ħaqq is-sultana ta' nofs in-nhar għad tqum u teħodha kontra dan in-nisel u tikkundannah għax hi ġiet mit-truf tal-art biex tisma' l-għerf ta' Salamun, u araw, hawnhekk hawn min hu aqwa minn Salamun"** (Mt 12:42; Lq 11:31). •





# jiena nemmen!

It-twemmin huwa qawwi fl-Afrikani:

- jemmnu f'Alla li huwa għajn tal-ħajja;
- jemmnu fl-erwieħ ta' missirijiethom;
- jemmnu f'dak kollu li jħarsuhom minn kull deni; u
- jemmnu fi Kristu li ġabu magħhom il-ħabbara tal-Kelma ta' Alla.

It-twemmin li għandhom dawn in-nies huwa frott tal-qlubija li tmexxihom 'il quddiem bla ma jaqtgħu qalbhom minn kull tiġrib.

## ĦSIEB MERFUGĦ LEJN ALLA

Il-qawwa li wera Alla fil-ħolqien tiegħu refgħa l-ħsibijiet tal-Afrikani biex jemmnu f'dak li ma jidhirx. Hemm talb, kant u żfin li jagħtu glieħ 'l Alla. Qatt ma naqset minn nisilhom il-festa ta' radd il-ħajr għal kull ma għamel Alla magħhom. Talb ta' dnewwa biex Alla jħenn għall-miġemgħa ma naqasx minn fomm l-Afrikani.

Il-ħsieb lejn Alla ġiel lil Afrikani biex jibnu mqades fejn jiltaqgħu għat-talb flimkien. Imbnew ukoll mdiebaħ għall-ħruq tal-bhejjem. Għal dan il-għan kien hemm bżonn ta' nies magħżula li huma mdaħħlin fiż-żmien u mseddqa minn Alla.

Għemil maħsub għall-ġejjieni mlissen minn dawk li jiftiehemu flimkien dejjem temmem bil-kliem **"Jekk Alla jrid"**. Kliem li juri kemm l-Afrikani jemmnu f'Alla u jħallu kollox f'idejh.

It-tbissima fuq wiċċ l-Afrikani li dejjem serqet qalb il barrani, hija turija tal-ferħ li jnissel Alla fil-qlub ta' dawk li jemmnu fih.

## IT-TFITTIX

Ħerqan għall-ksib tal-ħobża ta' kuljum iqawwilhom qalbhom li jegħlbu kull tfixkil għax f'qalbhom isaltan il-ħsieb: Ma nafx x'inhi biża'. Ħafna drabi l-qlubija Afrikana hija tagħlima għall-missjunarji biex ma jatqgħu qalbhom minn xejn u jagħtu ħajjithom b'debħa safja lil Alla.

## MEZZI TA' GĦAJNUNA

Mard, nixfa, ġuħ, ħolm li jwerwer u kull ħaġa li jxekkel is-serħan tal-qalb ma jogħġob lil ħadd. Għal Afrikani dawn il-ħwejjeġ huma saħta minn Alla.

B'xorti kbira l-missjunarji ġabu magħhom id-drawwiet tal-ilbies tad-domni, slaleb żgħar, tberik tal-ilma u kuruni tar-rużarju li ħafna drabi jintlibsu fl-għenuq. Ma nafx jekk dawk il-mezzi tal-għajnuna u serħan il-moħħ jagħmlux il-mirakli jew le. Naf biss li kull darba li ġie xi ħadd għandi biex ngħinu minn xi xkieli li kien għaddej fih, nagħmlu talba flimkien. Nemmen fil-fidi ta' dak li talabni l-għajnuna, nagħtih xi mezz għall-fejqan bħal domna, salib, jew ftit ilma mbierek. Mal-mixja taż-żmien il-mifxul isib il-mistrieħ tiegħu.

Il-missjunarji bnew santwarji tal-Madonna fejn għadd ta' nies imorru jżuruhom biex jitolbu lil Omm Ħanina tgħinhom fis-saram li jiltaqgħu miegħu. Dawk li jmorru f'dawn is-santwarji jagħmlu ġranet ta' talb, qrar u quddies b'tisfija għal dnubiethom u għall-qlugħ ta' xi grazzja. Ħafna jmorru lura fi djarhom b'qalbhom ferħana u b'tama qawwija li Alla u l-Omm Ħanina se jagħtuhom dak li talbu.

## GĦAQDIET TA' KRISTU ĦELLIES

Ħafna mill-postijiet ma jxekklux it-taħbira tal-Kelma ta' Alla. L-istedsina tal-Imgħallem **"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom"** (Mt 11:28) tgħin biex tħeġġeġ xi nies li waqqfu Għaqdiet u sejħu għal magħhom lil kull min għandu bżonn tal-għajnuna f'ħajtu. Ħafna huma dawk li nagħqdu magħhom u baqgħu jwettqu dak li emmnu mill-ħabbar.

L-Afrikani li konna ngħidulhom ma jemmnux, illum sirna nafu li f'qalbhom hemm moħbija ż-żerriegħa ta' twemmin li mal-ewwel xita tnibbet u tagħti l-frott tagħha.

**Jiena nemmen li l-Afrikan jemmen f'Alla.** •

## REBBIEĦA LOTTERIJA MISSJUNARJA 2010

1. L-ewwel premju: Ms Gemma Azzopardi, Xgħara, Għawdex - Biljett Nru 0116358
2. It-tieni premju: E. Maistre, il-Belt Valletta - Biljett Nru. 021051
3. It-tielet premju: Robert Carabott, Ħ'Attard - Biljett Nru: 011163
4. Ir-raba premju: M. Mizzi, Ħaż-Żabbar - Biljett Nru: 049012




# L-ISTONKU U L-AĊIDU

Mhux darba jew tnejn, nieklu xi ikla tajba li 'tinżlilna għasel', iżda mbagħad wara ftit sigħat jibda jiddispjaċina għax l-istonku jagħmel tiegħu u nagħmlu xi lejl imqajmin bil-ħruq ta' stonku, aċidu tielgħa sa griżmejna u ninkwetaw li għandna uġigħ fis-sider.

Jeżisti bħal muskolu bejn il-pajp tal-ikel (oesophagus) u l-istonku li normalment jingħalaq biex l-aċidu u l-ikel ma jitlax lura. Dan jirrillassa u l-aċidu jitla' 'l fuq. Il-verità hi li meta nieklu ikla 'tajba' (jiġifieri mxaħħma), hemm tendenza li dan il-muskolu jirrillassa u b'hekk jitla' lura l-aċidu fil-pajp tal-ikel. Dan m'għandu xejn x'jipproteġġih mill-aċidu u hemm nibdew bid-dwejjaq u l-uġigħ. Dan jissejjaħ 'acid reflux' u meta l-pajp tal-ikel jiffjamma nsejħulu 'oesophagitis'. Dawn iż-żewġ termini jingħaqdu flimkien f'termini mediċi bħala GERD (Gastro-Esophageal Reflux Disease).

## KEMM HI KOMUNI?

Wieħed minn kull għaxra minn nies ikollu ħruq ta' stonku tal-anqas darba kuljum l-aktar wara l-ikel. Ħafna drabi dan ma' jdumx u jkun ħafif. F'ċerti każijiet dan isir aktar frekwenti li jibda' jdejjaqna ta' kuljum u jdum.

## X'INHUMA S-SINTOMI?

1. Ħruq ta' stonku.
2. Uġigħ ta' stonku u fis-sider li ġeneralment imur bejn il-ġwienaħ tad-dahar. Kultant "qisu se jtik attakk tal-qalb".
3. Tifwieq u tħossok se tinfaqa'.
4. Ħruq li jasal sal-grieżem u togħma ħażina.
5. Dardir.
6. Anqas frekwenti: sogħla fil-vojt, ħanqa tal-vuċi, riħa fil-ħalq u problemi bil-ħanek.

## X'JISTA' JŻID IL-ĦRUQ TA' STONKU?

- L-alkoħol,
- is-sigaretti,
- ikliet kbar u bix-xaħam,
- il-ħxuna, nisa tqal,
- ċerti pinnoli (speċjalment tal-uġigħ) u
- età t'aktar minn 35 sena kollha jistgħu jżidu l-ħruq ta' stonku.

'Hiatus Hernia' hija kondizzjoni li spiss niltaqgħu magħha fejn parti mill-istonku titla' 'l fuq mid-dijaframma lejn il-pajp tal-ikel u l-effett tal-muskolu jintilef u jiżdied il-GERD.

## HEMM BŻONN TA' TESTIJIET MEDIĊI?

Jekk is-sintomi ilhom ħafna u mhux qed jiżdiedu jew itellfu mill-ħajja normali, m'hemmx għalfejn testijiet mediċi.

It- testijiet li l-aktar isiru huma:

1. Endoskopija – jiġifieri speċjalista jittawwal fl-esofagu, l-istonku u l-ewwel parti tal-musrana permezz ta' teleskopju żgħir. Dan ikun jista' jara' xi problemi u jieħu kampjuni waqt il-proċedura.
2. Barium Meal / Swallow – Jittieħed X ray speċjali wara li jinxtorob bħall-'ħalib' (contrast) tal-istonku u l-pajp tal-ikel.
3. Testijiet biex tiġi ċċekkjata aċidità fl-istonku.
4. ECG u X ray tas-sider biex jiġi eskluż mard ieħor tal-qalb, pulmun, jew organi oħra tal-madwar.

## X'NISTGĦU NAGĦMLU BIEX INTAFFU S-SINTOMI?

1. Nevitaw is-sigaretti.
2. Nevitaw ċertu ikel u x-xorb. It-tadam, zalza, ċikkulata, 'fast food' u ikel bix-xaħam jew moqli, il-menta, kafè u l-alkoħol.
3. Ma nabbużawx minn ċerti mediċini bħall-pinnoli tal-uġigħ.
4. Nonqsu mill-piż żejjed.
5. Poġġi bil-qiegħda.
6. Hu tazza ħalib jew mistura/ mustardina ta' kontra l-aċidu.
7. Mur orqod fuq stonku vojt. Evità li tiekol fl-aħħar tliet sigħat qabel l-irqad.

## HEMM XI KOMPLIKAZZJONIJIET?

Nirringrazzjaw 'l Alla li dawn huma rari.

1. Problema fil-kwalità tal-ħajja meta s-sintomi huma spissi u jqajmuk bil-lejl.
2. Ulċera fl-istonku jew fl-ewwel parti tal-musrana.
3. 'Stricture'- Jekk l-aċidu jkun ilu għal snin twal, il-pajp tal-ikel jidjieq u dan jagħti problemi meta nibilgħu l-ikel.
4. 'Barrett's oesophagus'- iċ-ċelloli tal-pajp tal-ikel jinbidlu f'dawk li jixbħu tal-istonku. Din trid tiġi segwita għax jistgħu jsiru malinji.
5. Kanċer – Il-kanċer tal-pajp tal-ikel jista' jiżdied bi ftit. Dan huwa aktar komuni f'dawk li jpejpu jew jixorbu.

## X'INHI L-KURA?

1. Pinnoli jew misturi ta' kontra l-aċidu. Dawn malajr ittaffu s-sintomi u l-aċidu.
2. Pinnoli ta' kontra l-aċidu: hemm żewġ tipi – proton pump inhibitors (jispiċċaw 'azole') u H2 blockers (ranitidine, cimetidine, famotidine). Kollha jaħdmu biex innaqsu l-aċidu prodott fl-istonku.
3. Pinnoli li jħaffu l-passaġġ tal-ikel fl-istonku – metoclopramide u domperidone.
4. Operazzjoni – illum il-gurnata din hija rari minħabba l-avvanz fil-pinnoli. Ġeneralment tista' ssir 'keyhole surgery' biex jiġi ssikkat il-parti t'isfel tal-pajp tal-ikel.

Is-sintomi tal-aċidu fl-istonku huma komuni u ħafna drabi nġibuhom b'idejna aħna stess. Tibdil żgħir fl-istil ta' ħajja li ngħixu jagħmel id-differenża kollha. Il-kura hija effikaċi ħafna għall-grazzja t'Alla.

Nawguralkom is-saħħa. •

# ... U L-KARNIVAL REĠA' MAGĦNA



Jgħaddi ż-żmien, jitgerbu l-ġimgħat,
Filli konna fil-Milied;
Frar daħlilna waħda sewwa
U ġabilna l-karrijiet

Illi fuqhom qegħdin jiżfnu
Ġuvintur, qabda tfajliet,
Illi ġew fl-'enclosure' tagħna
Mill-irħula u l-ibliet

Sabiex jaqbżu w jiddevertu
F'dawn il-jiem tal-Karnival,
Magħhom hemm xjuħ, irġiel, nisa –
Għax darbtejn insiru tfal!

U fi ħdanu l-Misraħ jilqa'
Għadd ta' żgħażagħ u xebbiet
Jiżżegilgu u jiżżarġnu
Waqt li l-banda wkoll ġiet.

K'tiġri ġirja mal-irħula
Briju tilmaħ kullimkien;
Għal mument id-dwejjaq jogħsfru
W il-bluha jirkeb dan iż-żmien.

Xi wħud jiżfnu l-Kumittiva
Jew inkella fl-Isfilata,
Oħrajn jidħlu għal Kukkanja,
Ma tonqosx il-Prinjulata.

Dawn il-festi popolari
Ftit jew wisq jogħġbu 'l kulħadd;
F'dawn il-jiem titbellaħ, twerżaq,
Ibqa' ċert ma jkellmek ħadd!

Iżda l-għada li jintemmu
Jiġu ġranet b'differenza;
Erbgħin jum ta' sagrifiċċju,
Talb u sawm u penitenza!

Ħbieb immela, ħaffu, għaġlu
Ilbsu, xiddu l-kostum,
Għax dal-festi dalwaqt jgħibu,
Ma jiġux magħna kuljum!



# EPIFANIJA... JEW AĦJAR EPIFANIJI



Dan l-aħħar kont qed nirrifletti ftit dwar l-ispirtu qawwi tal-Milied li kien qiegħed idawwarni minn kullimkien f'dawn l-aħħar xahrejn tas-sena 2009. Il-ħwienet mimlija rigali, snowmen, San Niklaw, presepji, tinsil... kif ukoll id-dehra tat-twieqi tad-djar mixgħulin, bis-sigra tal-Milied, u dwal iteptpu, it-toroq imżejnin bid-dwal ikkulurit.

Għall-ewwel darba wara ħafna snin, erġajt bdejt inħossni qisni meta kont tifel, niċċassa u nogħxa nħares lejn dak il-ġmiel ta' dwal u kuluri, nintilef ġo ħwienet mimlijin tiżjin mill-isbaħ – donni dħalt ġo xi villaġġ fejn il-Milied jiċċelebrawh is-sena kollha. Għal ftit erġajt ksibt dik l-innoċenza ta' tifel li ma jafx b'ħażen, li mhux marbut bil-ħin, li m'għandux inkwiet u responsabbiltà... U erġajt skoprejt il-veru ferħ, u l-ġmiel tal-ħolm u l-istagħġib – li toħlom f'dinja ta' paċi meta madwarek kulfejn tara ġlied u sparar, Il tlstagħġeb bil-ġmiel tal-ħolqien meta madwarek kulħadd mgħaġġel fuq xogħlu u m'għandux ħin jaħseb. Dan l-ispirtu milli jidher ħakimni sew għax mill-bidu tal-Avvent kont diġà bdejt nikteb u nibgħat il-kartolini, anki lil nies li kont ilni ħafna ma niltaqa' magħhom. Bħal donni ridt nerġa' noħloq kuntatt, nibgħat messaġġ ta' ħbiberija, inġedded ħbiberiji u relazzjonijiet antiki, anki fost qrabatı.

L-iskola fejn naħdem ukoll ħassejtni ninġarr mill-ispirtu tal-Milied. It-tfal, bl-entużjażmu u l-ferħ sempliċi tagħhom, bħal donnhom reġgħu qabbduli l-fjamma ta' Milied tfuliti, li kienet ilha mitfija mhux ftit – mitluf kif kont fid-dinja adulta tiegħi fejn jiddominaw it-tħassib u l-kumplikazzjoni tal-ħajja. It-tfal jieħdu gost b'kollox – kartolina sempliċi, rigal mixtri bi ftit flus, imma mogħti mill-qalb – kollox iferraħhom. L-entużjażmu tagħhom baqa' jiżdied sakemm laħaq il-quċċata tiegħu nhar il-kunċert tal-Milied. Għal ftit waqtiet ħassejtni nsir tifel bħalhom, nifraħ b'kartolina sempliċi mogħtija b'ħafna mħabba, u nieħu gost bir-rigali li tawni x'uħud li mingħandhom ma kont qed nistenna xejn. Laqatni l-ferħ f'għajnejhom hekk kif kont qed inqassmilhom kartolina u rigal ċkejken kull wieħed. Imma l-aqwa mumenti kienu fil-quddiesa tal-Milied li ċċelebrajna b'sempliċità kbira. Għal ftit tal-ħin sibt ruħi nirrifletti u nistrieħ nisma' l-Kelma ta' dan Alla li sar bniedem għalija. Spiċċajt inkanta l-għanjiet tal-Milied mal-kor, u ġo fija ħassejtni nimtela bil-ferħ. Mumenti ta' riflessjoni nistqarr li ma naqsux, fosthom meta ndaqqet diska tal-grupp Westlife, jisimha You Raise Me Up. Il-mużika ħelwa u l-kliem mimli sens ta' din id-diska bħal donnhom tefgħuni f'baħar ta' mħabba fejn stajt nintelaq għal ftit, nistrieħ mill-uġigħ u l-problemi tal-ħajja. Ħassejtni maħbub, hekk kif kont mistrieħ f'ħoġor Ġesù.

Esperjenzi sbieħ, sempliċi, iżda profondi, u li mhux faċli tinsihom. U hekk, wara li żejjint id-dar bil-Bambin u bis-siġra tal-Milied kollha kuluri, waqaft għal ftit nirrifletti – u f'ħin minnhom ftakart f'kittieb Irlandiż li kont studjajt ll-kotba tiegħu meta kont student l-Università. James Joyce - kittieb Irlandiż ta' fama internazzjonali. Fost il-kotba li kiteb, 'Dubliners' u 'A Portrait of the Artist as a Young Man' kienu tnejn mill-aktar li nteressawni. Biss, ftakart dettal ċkejken, li ħassejtu jorbot sew mal-esperjenzi li kelli fi żmien il-Milied ta' din is-sena. Fil-kitbiet tiegħu, James Joyce jirreferi għal esperjenza jew esperjenzi, li jsejħilhom epifaniji

(epiphanies). Jiddeskrivi dawn l-esperjenzi bħala mumenti qosra li fihom il-bniedem donnu jiskopri ġewwa fih realtà spiritwali li tmur lil hinn mir-raġuni. F'kelma waħda, esperjenza ta' Alla, li f'mument qasir, tħossha tibdlek, u tagħti sens ġdid lil ħajtek, timlik bil-kuraġġ, u tgħinek tkompli l-mixja tiegħek.

Għadna kif iċċelebrajna l-festa tal-Epifanija, jew it-Tre Re. F'dan il-jum Alla ried jimmanifesta ruħu lid-dinja kollha bħala d-Dawl veru li jwassal għall-ħajja ta' dejjem. U hekk, jekk inħares lura lejn dawn l-esperjenzi verament qosra, iżda profondi, li kelli, nista' ngħid li kienu farka mill-espressjoni ta' mħabba li Alla juri lejja kuljum. Forsi kienu dawk li ndunajt bihom, għax ma kontx aljenat, jew aħjar, għax Hu tani l-grazzja li ninduna bihom.

Kienu mumenti fejn Alla kellimni b'mod profond u personali. Qalli li jħobbni – kelma li ilu ħafna jirrepetili – iżda din id-darba għoġbu jdewwaqni ftit mill-paċi tiegħu. Ġegħlni nintebaħ kemm hu sabiħ li temmen fih u tħobb lilu, li tbati għalih, li taċċetta l-istorja li Hu jibgħat b'risq tiegħek, ukoll meta ma tistax tifhem. Fakkarni verità importanti – li l-ferħ veru jinsab meta wieħed jingħata lil oħrajn. Mumenti qosra ta' fraternità jew servizz laqtuni bħala mumenti li fihom kont tassew ferħan.

Din hija verità kbira – ħafna ikbar minni, u li jien ħafna drabi ninsa. Meta għal mument ninsa ftit lili nnifsi u naħseb f'ħaddieħor, hemm insib il-ferħ veru. Kienu mumenti bħal dawn li, fi spirtu ta' Milied nisrani, reġgħu taw togħma bnina lil ħajja tiegħi u saħħa ġdida lil ispirtu għajjien tiegħi. Il-kant tal-Milied, il-purċissjoni bil-Bambin, is-siġra tal-Milied tixgħel u ddawwal l-intrata, ix-xewqat sbieħ li nagħtu u nirċievu bħal dawn żminijiet – kollox jgħin biex bħal donnu jintesa l-għlied u d-differenzi ta' bejnietna.

Kemm nixtieq li dan l-ispirtu nibqa' nġorru miegħi kulfejn immur tul din is-sena kollha – hekk fil-mumenti mudlama tal-ħajja tiegħi ruħi tkun imdawla minn dan id-Dawl dejjem ġdid, id-Dawl etern, Ġesù Kristu. •



# IL-KAPUĊĊINI U D-DAR TAL-INDUSTRIJA FIL-FLORIANA (1825)



Minħabba diversi fatturi, is-snin 1813 1842 kienu ta' ġuħ u faqar kbir fil-gżejjer Maltin[1]. Il-Markiż ta' Hastings, li nħatar Gvernatur tal-Gżejjer Maltin fl-1824, wara l-wasla tiegħu f'Malta, ħa xi passi biex tittaffa din il-qagħda. Fost dawn il-passi kien hemm it-twaqqif ta' Dar tal-Industrija fil-Floriana u skop ta' din id-dar kien li tagħti kenn u titma u tagħti apparat u materjal lil dawk il foqra li kienu lesti li jaħdmu talli ngħataw kenn u ikel[2].



Il-Markiż ta' Hastings

Din id-dar twaqqfet fil-Floriana fil-post imsejjaħ il-Konservatorju (fejn hemm illum il-H.Q. tal-Pulizija[3]. Biex il Konservatorju ġie addattat għal dan li skop sal-31 ta' Diċembru 1825 intefqet is-somma ta' 16,518 skud[4]. Din id-Dar tal-Industrija nfetħet f'xi żmien bejn Novembru 1824 u Jannar 1825[5]. Kienet immexxija minn Kumitat Permanenti[6]. Kellha xi uffiċċjal u xi għalliema[7]. Naturalment kien hemm ukoll il-bżonn ta' Saċerdot jew Saċerdoti, biex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali tan-nies li kienu se jiġu milqugħa fid-dar Permezz t'ittra bid-data tal-24 ta' Settembru 1824, is-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, Sir Frederick Hankey, informa lill-Kumitat Permanenti tat-tmexxija li kien il-ħsieb tal-Gvern li jaħtar Patri Kapuċċin biex jaqdi d-dmirijiet ta' kappillan ta' din id-dar. Il-Gvern żamm ma' din id-deċiżżjoni kif jidher ċar minn din l-ittra miktuba mis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, Sir Frederick Hankey, fil-5 ta' Jannar 1825, lill-Kumitat Permanenti tat-tmexxija tad-dar:

*Gentlemen,*

*I have the honour to inform you that H.E. has been pleased to appoint Padre Onorato and Padre Jean Francesco of the Order of the Capuchins to officiate at the house of Industry, and that a pay of 15 scudi per mensem should be carried to them from the funds of the establishment*[8].

1. C.A. Price. Malta and the Maltese (Melbourne 1954) pp 3-5
2. A.V. British, British Malta, Vol 1, (Malta 1946) p 127
3. A(rkivju) N(azzjonali) M(alti) csg/04/8 p181 letter to Sir Vincent Casolani 31-xii-1824
4. (4) Ibid, Letters to Sir Vincent Casolani 31-xii-1824 p 181, 14-iii-1825 pp.260, 261 31-xii-1825 p.446
5. (5) A.N.M. csg/04/8, letters to the Permanent Committee 26-xi-1824 p. 209 6-i-1825 p 219
6. (6) Ibid
7. (7) Ibid. Letter to Mr James Jenes 14-iii-1825 p.260, letter to Sir Vincent Casolani 14 iii 1825 pp 260/261, letter to the Permanent Committee 14-vi-1825 p p325, 20-ii-1826 p. 47
8. (8) Ibid. Letter to the Permanent Committee 24-ix-1824 p. 61, 5-i-1825 p. 215



# TIFKIRA TA' PATRI LEONARD BUSUTTIL OFMCap 1917 – 2009

"L-Imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn" (1Kor 13:4)

**Dan huwa l-kliem li ġie stampat fuq is-santi li jfakkru t-Tifkira ta' meta Patri Leonard Busuttil għadda għall-ħajja eterna. Dawn il-versi mill-Kantiku tal-Imħabba fil-ħsieb Pawlin jiġbru fihom il-ħajja ta' Ħuna Leonard, Kapuċċin ta' qalb kbira li għażel li jagħti ħajtu għall-Mulej u għal dawk kollha li l-Mulej laqqgħu magħhom.**

## IT-TFULIJA

Ħuna Leonard twieled il-Ħamrun, nhar it-3 t'Ottubru 1917 minn Joseph u Rosina u fil-Magħmudija tawh l-isem ta' Anthony. L-ewwel kuntatti mal-Patrijiet Kapuċċini bħala abbati fil-parroċċa tat-Trinità, il-Marsa, nibbet f'qalb it-tfajjel Toni ż-żerriegħa tas-sejħa tiegħu għall-Ħajja Reliġjuża u għas-saċerdozju.

## DĦUL FL-ORDNI

Ta' sittax-il sena, fis-16 ta' Settembru 1934, Toni beda s-sena tan-Novizzjat flimkien ma' erba' kandidati oħra fil-kunvent ta' Santa Liberata, il-Kalkara. Fiċ-ċerimonja tal-Vestizzjoni li fiha dawn iż-żgħażagħ ġew imlibbsa bil-libsa tal-Aħwa Kapuċċini, Toni ġie mogħti l-isem ta' Fra Leonardu mill-Ħamrun. Mur għidlu lil dan iż-żgħażugħ mimli enerġija f'dan il-jum tant sabiħ, li eżattament ħamsa u sebgħin sena wara, jiġifieri, fis-17 ta' Settembru 2009, kellu jidħol fil-ħajja eterna!

Sena wara d-dħul tan-Novizzjat, jiġifieri, fit-8 ta' Diċembru 1935, Fra Leonardu flimkien ma' sitt Novizzi oħra għamel l-Ewwel Professjoni tiegħu f'idejn P. Fortunatus Pulè mill-Birgu (1892-1973), Delegat tal-Provinċjal. Fra Leonardu flimkien ma' sħabu baqa' għaddej bil-Formazzjoni tal-Bidu sakemm nhar il-5 ta' Novembru 1939, huwa għamel il-Professjoni Perpetwa f'idejn il-Ministru Provinċjal ta' dak iż-żmien, P. Bernard mill-Ħamrun.

## L-ORDINAZZJONI PRESBITERALI

Sadanittant Fra Leonardu beda l-istudji tal-filosofija fil-Kalkara. Aktar tard l-istudenti



*Il-familja Busuttil.*

kollha ġew trasferiti fil-kunvent ta' Għawdex minħabba li dan kien iż-żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija, żmien ta' biża', għaks u tbatija. Kien hawnhekk li Fra Leonardu temm il-kors tat-Teoloġija li wasslu għall-Ordinazzjoni Presbiterali li saret fil-Katidral ta' Għawdex, nhar il-25 ta' Lulju 1942, mill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex. Il-Prima Messa, kifinhi magħrufa, saret fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, Marsa nhar it-2 t'Awissu, Festa ta' l-Indulġenza tal-Porziuncola. Patri Leonardu kien iħobb jirrakkonta kif waqt din il-quddiesa, daqq air-raid tal-Gwerra, u l-knisja tbattlet filwaqt li baqgħu biss: hu, il-ġenituri tiegħu u l-Provinċjal P. Bernard Galea.

## SAĊERDOT NOVELL

Patri Leonard daħal għall-ministeru Presbiterali b'entużjażmu kbir u donnu aktar ma beda għaddej iż-żmien, dan l-enużjażmu baqa' dejjem jiżdied. Nistgħu niġbru l-ħidma li Huna Leonardu wettaq bħala saċerdot-kapuċċin taħt erba' aspetti:

- L-ewwel, il-ministeru tiegħu fil-Formazzjoni tal-Bidu. Huwa kien Direttur ta' l-Istudenti fil-Floriana (1954), fil-Kalkara (1956-1958) u mbagħad Viċi-Mastru tan-Novizzi f'Għawdex (1958-1959). Matul dan l-istess żmien Patri Leonard ġie magħżul ukoll bħala Kappillan ta' Capua Palace, f'Tas-Sliema, fejn kien imur iqaddes lill-tfal bniet orfni.
- It-tieni, Huna Leonard ħadem ukoll bħala Kappillan fost il-morda, xogħol li tah sodisfazzjon kbir. Huwa ħadem mal-morda bil-lebbra fl-Isptar San Bartilmew. oħra mal-morda bit-T.B., fl-Isptar San Vincenz de Paule.
- Dan iwassalna għat-tielet qasam fil-ministeru li fih ħadem dan huna: il-parroċċi. Patri Leonard ħadem fil-parroċċa tat-Trinità Qaddisa, Marsa. Esperjenza li Patri Leonard baqa' jgħożż u li spiss kien iħobb jitkellem fuqha kienet meta f'dan iż-żmien huwa kellu x-xorti kbira li jiltaqa' wiċċ imb'wiċċ ma' Padre Pio, Kapuċċin.
- Dan kollu jġibna għar-raba' ħidma ta' Patri Leonard, dak ta' Superjur fil-Provinċja. Huwa kien ġie magħżul biex ikun Gwardjan tal-fraternità tal-Kalkara u tal-Marsa. Minbarra hekk, P. Leonard kien ġie magħżul bħala wieħed mill-erba' Definituri Provinċjali u kkonfermat għat-tieni darba f'dan il-ministeru fil-Provinċja, liema ministeri, Huna Leonard għexhom bl-akbar reqqa u skruplu.

## MINN MALTA GĦALL-AWSTRALJA

Kien proprju f'dan iż-żmien, meta Huna Leonard kien Definitur, li ommu Rosina daħlet fil-ħajja eterna. Huwa jistqarr li kien daħal Kapuċċin bit-tir li jmur missjunarju l-Indja. Imma kif kien kiteb hu stess: **"Il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi. Niftakar meta ordnajt patri ... fissirt fehmti lill-ġenituri tiegħi li xtaqt immur il-Missjoni u dawn xejn ma ħadu pjaċir bl-idea. B'rispett għax-xewqa tagħhom jiena ċedejt, iżda bil-patt li meta jmutu huma, jiena nirrealizza din xewqti tant ħerqana."**



*l-Awstralia fl-1995 (Bilqegħda: x – l) Frs Leonard Busuttil, Philip Cutajar - Provinċjal, Frank Delia; (bilwieqfa: x – l) Charles Bugelli u Ugolino DeMaria.*

Ħmistax-il jum wara l-mewt ta' ommu, Patri Leonard ltaqa' ma' Mons. Philip Calleja nkarigat mill-Emigranti Maltin. Dan talab lil Patri Leonard biex imur bħala kappillan mal-Maltin li kienu se jemigraw lejn l-Awstralja. Il-Provinċjal tah il-permess bil-ħsieb li P. Leonardu jirritorna Malta f'qasir żmien. Huwa għalhekk ħalla Malta fuq il-Vapur Syndey li salpa mill-Port il-Kbir nhar it-12 ta' Mejju 1964 b'250 emigrant Malti. Il-vjaġġ kien ħa 26 jum sakemm fl-10 ta' Ġunju waslu l-Awstralja.

L-istorja tal-ħajja tal-emigranti Maltin fl-Awstralja hija marbuta sewwa mal-ħidma tal-Kapuċċini Maltin. Fil-fatt, l-ewwel saċerdot Malti li rifes fi Queensland kien Patri Ambrose Cassar, Kapuċċin (1849-1927), li ta' 37 sena salpa fuq il-vapur Nuddea f'Ottubru 1883, sabiex jakkumpanja l-ewwel grupp ta' bdiewa Maltin u Għawdxin fi triqthom lejn din l-art biex jaħdmu fix-xogħol tal-Kannamieli.

Meta Patri Leonard wasal l-Awstralja, l-emigrazzjoni kienet fl-aqwa tagħha. Huwa ġie maħtur Kappillan



*Fr Leonard Busuttil, it-tielet mix-xellug fuq quddiem, flimkien mal-missjunarji Maltin, il-Provinċjal Fr Philip Cutajar u l-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Cauchi fi żjara tiegħu fl-Awstralja fl-1995.*

Nazzjonali għall-Maltin fl-Awstralja. Kull darba li kien jidħol vapur bil-Maltin fil-port ta' Sydney, kont issibu hemm biex jilqa' lill-emigranti. Aktar tard huwa kien ikun preżenti wkoll fl-ajruport sabiex jgħin lil dawk li jkunu għadhom kemm waslu mill-vjaġġ twil minn Malta.

Huwa ta ħajtu għal dawn il-persuni. Kien jirsisti sabiex hekk kif jirfsu din l-art ġdida lil dawn ħutna Maltin isibilhom akkomodazzjoni u xogħol.

Kien jgħinhom jintegraw ruħhom fis-soċjetà u kien jagħmel wiċċu ma' l-awtoritajiet tal-Knisja biex it-tfal ta' l-emigranti Maltin jieħdu l-edukazzjoni tagħhom b'xejn fl-iskejjel tal-Knisja. Kien jiġġieled għad-drittijiet ta' dawn ħutu Maltin mal-politiċi. Kien jagħmilha ta' interpretu fil-qrati għall-Maltin li ma kinux jafu bl-Ingliż. Patri Leonard kien tassew aktar minn missier spiritwali għall-emigranti Maltin!

Sabiex ikun jista' jgħin aktar lill-Maltin, Patri Leonard sar ċittadin Awstraljan u aktar 'il quddiem il-ħidma tiegħu f'dawn l-oqsma ġiet rikonoxxuta b'mod uffiċjali mill-Istat meta huwa ngħata t-titlu ta' Justice of the Peace. Fl-1995, Ħuna Leonard ngħata ċertifikat ieħor għas-servizz kontinwu fost l-Emigranti Maltin ta' New South Wales. Dwar din l-okkażjoni, il-Provinċjal tal-Awstralja ta' dak iż-żmien kiteb hekk:

***"'Father Leonard, you were presented some time ago with a Certificate of Outstanding Service to the Maltese Community by the Maltese Council of NSW. It was justly deserved and we are proud of you even if we don't say it very often. I believe your work for the Maltese people who came to this***



*Fr Leonard Busuttil OFMCap fl-Isptar Zammit Clapp flimkien ma' koppja refuġjata*

*Mons. Arċisqof Pawl Cremona OP flimkien ma' Fr Leonard Busuttil OFMCap fl-Isptar Zammit Clapp.*



***country has been extraordinary. You stand tall with all the rest of those friars who laboured so hard as Migrant Chaplains during those busy years after World War II. The people owe you a great deal for your kind and selfless concern for them. The Australian Government also owes you gratitude for helping your people integrate so well into this great country."***

Patri Leonard ta' 82 sena jirritorna Malta minħabba saħħtu. Huwa ħalla l-Awstralja fl-istess jum li fih kien riefes għall-ewwel darba din l-art li huwa tant ħabb. Il-Provinċjal tal-Awstralja kien sejjaħ lil Patri Leonard ***"a founding 'father' of our Province and a greatly respected priest in the Diocese of Sydney admired for his generosity and kindness to all."*** Dan il-kliem huwa kkonfermat f'Ittri oħra li nkitbu minn persuni differenti fl-okkażjoni tat-tluq tiegħu mill-Awstralja.

## LURA MALTA

Ir-ritorn ta' Patri Leonard f'Malta ma kienx ifisser it-tmiem tal-ħidma pastorali tiegħu. Huwa ġie assenjat bħala Kappillan fl-Isptar Zammit Clapp filwaqt li jagħmel parti mill-fraternità tal-Floriana. Minbarra l-ħidma fl-isptar Zammit Clapp, Patri Leonard kien wieħed minn dawk il-ftit saċerdoti-reliġjużi fil-Gżejjer tagħna li kien attent għall-bżonnijiet ta' tant emigranti irregolari li bdew jaslu Malta f'dan l-istess perjodu li huwa rritorna f'pajjiżna.

## L-AĦĦAR SNIN

Nhar it-8 ta' Mejju 2009 Patri Leonard ddaħħal fid-Dar tal-Kleru f'B'Kara, fejn kien ikkurat bl-akbar rispett u paċenzja mis-Sorijiet Qaddejja taċ-Ċenaklu. Kien hemmhekk, fis-17 ta' Settembru 2009, Festa ta' l-Għoti tal-Pjagi ta' Missierna San Franġisk, fl-età ta' 91 sena, li huwa miet għall-ħabta tas-6.45 p.m. Il-funeral tiegħu sar fis-19 ta' Settembru, fil-knisja tal-Kapuċċini, Floriana u tmexxa mill-Ministru Provinċjal, Patri Joe Alessandro OFMCap., assistit minn Patri Martin Micallef, Vigarju-Provinċjali u Mons Philip Calleja, Direttur ta' l-Emigranti Maltin u ħabib antik tiegħu. Bosta' Aħwa tal-Provinċja kkonċelebraw jew kienu preżenti. Kien hemm min ġie apposta mill-Awstralja sabiex jagħti l-aħħar tislima lil dan Ħuna li t-tifkira tiegħu tibqa' stampata f'tant qlub, kif kiteb il-ħabib kbir li kellu fl-Awstralja Dr George Boffa fl-okkażjoni tal-funeral tiegħu: **"Fr Leonard ħalla warajh storja kommoventi ta' xogħol tremend fostna l-emigranti."** •



# IL-ĦELA

**Din hija kelma qasira iżda fil-fehma tiegħi għandha tifsira enormi. F'kollox jista' jkun hemm il-ħela, imma artiklu reċenti bl-Ingliż dan l-aħħar nebbaħni biex nikteb dwar il-ħela fl-ikel li nipproduċu u nikkunsmaw.**

Andrew Hough jikteb li l-ammont kbir ta' ikel tajjeb li jarmu l-Ingliżi issa laħaq livelli rekord u qed jiswa lill-ekonomija Ngliża iktar minn għaxar biljun lira sterlina fis-sena.

Iktar minn nofs is-6.7 miljun tunnellata ta' ikel li jintrema mill-familji jkun għadu tajjeb għall-ikel. Dan il-fatt joħroġ mill-istudju li għadu kif sar mill-Waste and Resources Action Programme (WRAP).

Rapport li ħarġet The Food We Waste jisvela li madwar biljun lira sterlina ta' ikel li jintrema jkun għadu tajjeb waqt li b'kemm jiswew sitt biljun lira sterlina ta' ikel li nxtara ma ġiex ikkunsmat.

Familja normali fir-Renju Unit tarmi b'kemm jiswew 420 lira sterlina ta' ikel li ma jkunx intmess matul sena waħda; dan l-ammont jitla' għal 600 lira sterlina fil-każ ta' familja b'iktar tfal.

L-impatt fuq l-ekonomija Ngliża rriżulta b'żieda ta' żewġ biljun lira sterlina iktar milli kien maħsub. Dan it-team ta' studjużi kontra l-ħela ta' l-ikel ikkalkula li jekk jirnexxilu jwaqqaf din il-ħela kollha, tonqos ukoll b'mod drastiku l-emmissjoni tal-Carbon Dioxide (arja ħażina) bi tmintax-il miljun tonnes. Dan ikun ifisser qisek qed tneħħi karozza minn kull ħamsa mit-toroq ta' l-Ingilterra. Ir-rapport ikompli jgħid li minn studju ieħor li sar fost 3,000 familja, ta' kuljum iktar minn miljun landa yoghort mhux miftuħa, 5,500 fellus sħiħ u 440,000 ikla lesti (*ready meals*) isibu ruħhom fil-landi taż-żibel. Il-ħela ta' ikel fil-landi li jintrema huwa biżżejjed biex jimla lil Wembley Stadium għal tmien darbiet.

Temmnuhom intom dawn iċ-ċifri! Tgħid din x'tissejjaħ jekk mhux ħela!

L-uffiċjal inkarigat minn din l-istituzzjoni, Liz Goodwin, stqarret li dawn ir-riżultati tassew jixxukjawk! Dan il-ħela kollu għandu mpatt sinjifikanti fuq l-ambjent ta' madwarna.

Dan biss x'qed jiġri fl-Ingilterra. Min jaf x'qed jiġri f'pajjiżi oħrajn żviluppati! Anki fil-gżejjer żgħar tagħna nemmen li ta' kultant niltaqgħu ma' każi ta' ħela. Jien għamilt għomri u żmieni qalb l-istudenti ta' l-iskejjel. Minn żmien għal żmien kont inħobb noħroġ fil-bitħa ta' l-iskola wara l-ewwel break u kont nibqa' mbellaħ b'dak li jħallu warajhom ma' l-art l-istudenti hekk kif jidħlu lura fil-klassi - nofs sandwiches meta mhux ukoll sħaħ, biċċiet tal-perżut, flixken nofshom mimlija b'xi soft drink, biċċiet taċ-ċikkulata, parti minn xi tuffieħa b'gidma waħda jew tnejn biss, u ħwejjeġ oħra bħal dawn. L-istess xena tilmaħ fit-teatru wara li jispiċċa l-film jew fuq it-taraġ ta' l-istadium wara xi logħba futbal. U nistgħu nibqgħu sejrin b'din l-istorja ta' swied il-qalb meta tiftakar (biex insemmu eżempju wieħed biss) xi sforzi qed jagħmel il-Moviment **"Ġesù fil-Proxxmu"** biex jitma tant tfal fl-artijiet tal-Missjoni.

Nagħlaq dan il-ftit tagħrif billi nheġġeġ lil kulħadd sabiex jagħmel l-almu tiegħu ħalli ma jaħlix bla bżonn, imma jiftakar li l-flus ma jinbtux fit-triq u li kulħadd ibati biex jaqlagħhom. Jiftakar ukoll f'dawk il-ħafna ħluq li ma għandhomx għaxja ta' lejla u saqaf fuq rashom. Kif għidt iktar 'il fuq, il-ħela mhi tajba f'xejn. Li tħalli kamra tixgħel wara li tkun ħriġt minnha; li tħalli l-vit iqattar biex ma tagħlqux sewwa; il-kompjuter għaddej għal xejn, dan ukoll jissejjaħ ħela u għandna nippruvaw nevitawh! Li tekonomizza fejn tista' hija ħaġa sewwa! Ma jfissirx li ma tiekolx sa kemm tixba' jew li ma timxix mal-moda! Iżda dejjem għandek tara li ma toħroġx saqajk barra mill-friex! •

# IS-SAĊERDOZJU B'LENTI FRANĠISKANA

**Franġiskaneżmu** | Patri Mario Attard OFMCap






F'din is-sena ddedikata lilna s-saċerdoti, ikun tajjeb li naraw dan id-don hekk kbir mogħti lill-Knisja għas-salvazzjoni tal-bnedmin minn diversi aspetti. Wieħed minnhom huwa, mingħajr dubju, dak Franġiskan. Min hu s-saċerdot fil-qies ta' San Franġisk u t-tradizzjoni li ħalla warajh?

Għall-Fqajjar ta' Assisi, is-saċerdot huwa Kristu nnifsu fostna. Fit-Testment tiegħu, il-qaddis juri l-imħabba kbira tiegħu lejn is-saċerdoti: **"Imbagħad il-Mulej ta, u għadu jagħtini, daqshekk twemmin fis-saċerdoti li jgħixu kif trid il-Knisja Mqaddsa Rumana, li minħabba d-dinjità tagħhom irrid nitlob l-għajnuna tagħhom, ukoll jekk niġi pperseġwitat minnhom. U li kieku kelli daqshekk għerf daqskemm kellu Salamun, u kelli niltaqa' ma' saċerdoti fqajrin ta' din id-dinja fil-parroċċa fejn igħixu, ma rridx li nippriedka kontra r-rieda tagħhom. U lil dawn stess u lill-oħrajn kollha rrid inħobb, inweġġah u lejhom nuri biża', bħallikieku huma sidien tiegħi. U ma rridx inqis id-dnub fihom, għax fihom nilmaħ 'l Iben ta' Alla u huma s-sidien tiegħi. U nġib ruħi hekk magħhom, għaliex jien, f'din id-dinja, bl-għajnejn tiegħi tal-ġisem, ma narax mill-istess Iben ta' Alla l-Aktar Għoli ħlief il-Ġisem u d-Demm wisq imqaddes tiegħu, li huma jieħdu u huma biss iqassmu lill-oħrajn"**

Fi ftit kliem, għal San Franġisk l-identità u l-ministeru saċerdotali tas-saċerdot huma ħaġa waħda. Dan ifakkarulna mill-ġdid il-Papa Benedittu XVI, fl-ittra li biha nieda s-sena tas-saċerdoti: **"L-ewwel ħaġa li għandna bżonn nitgħallmu hija l-identifikazzjoni sħiħa tar-raġel mal-ministeru tiegħu. F'Ġesù, il-persuna u l-missjoni jiltaqgħu flimkien. L-attività ħelliesa ta' Kristu kienet, u hija, l-espressjoni 'tal-konxjenzjalità tiegħu,' li mill-eternità qiegħdha quddiem il-Missier f'attitudni ta' sottomissjoni b'imħabba għar-rieda tiegħu. B'mod umli, imma ġenwin, kull saċerdot jeħtieġlu jimmira għall-identifikazzjoni simili. Ċertament dan mhux biex wieħed jinsa li l-effikaċità tal-ministeru hija ndipendenti mill-qdusija tal-ministru. Imma, minn naħa l-oħra, lanqas nistgħu nwarrbu l-frott straordinarju tal-laqgħa bejn il-qdusija oġġettiva tal-ministeru u l-qdusija suġġettiva tal-ministru"**. Mis-saċerdot il-poplu jistenna li jkun qaddis! Kristu ieħor!

Issa, din il-qdusija saċerdotali turi ruħha fl-attitudni umli tas-saċerdot. Fl-Ittra lill-Ordni kollu, San Franġisk jindirizzahom hekk lis-saċerdoti: **"Lill-ministri u l-kustodji, u lis-saċerdoti tal-istess fraternità, umli fi Kristu"**. L-umiltà hija l-valur aħħari u s-sinsla tal-ħajja saċerdotali Franġiskana. Personalment nara li min minna s-saċerdoti huwa nieqes mill-virtù tal-umiltà, hu nnifsu u l-ministeru li ġie mogħti mill-Mulej ibatu ħafna għax jimxu bl-iskossi tas-suppervja. L-umiltà saċerdotali qiegħdha mhux fil-fatt li wieħed jilgħabha tal-umli, imma li jkun konxju li hu tabilħaqq l-agħar persuna li hawn fid-dinja u li tassew ma jixraqlux li jkun ministru ta' Alla. Fil-fatt San Franġisk jesprimi l-istess ħsieb meta jgħid: **"F'kull ħaġa li għamilt ma kontx qaddis. Jekk Alla jista' jaħdem bija mela jista' jaħdem b'kulħadd"**. Din ir-realtà tiegħu nnifsu iġġiegħel lis-saċerdot biex jitlob kuljum għarkubbtejh lill-Mulej din it-talba minn qalbu: "**U mill-kburija wkoll ħares il-qaddej tiegħek, tħalliha qatt taħkimni. Mbagħad inkun bla ħtija u ħieles minn dnub kbir (Salm 19:14). Jenħtieġ jikber hu u niċkien jiena"** (Ġw 3:30).

Huwa biss permezz tal-umiltà, is-sultana tal-virtujiet kollha, li s-saċerdot, fil-viżjoni Franġiskana, jista' tassew jimraħ fil-ministeru li l-Missier, fi Kristu, sejjaħlu għalih. Jeħtieġlu jara l-miżerja tiegħu nnifsu, u mqanqal minn spirtu ta' penitenza għal ħtijietu, iħalli lill-Mulej joħrġu minnu nnifsu, u fuq l-eżempju tar-Ragħaj it-Tajjeb, fih jagħti ħajtu mill-ġdid għall-merħla tiegħu, l-iktar għal dawk li qed ibatu, l emarġinati u 'l dawk li huma 'l bogħod minn Alla.

Bħala saċerdoti ħa nitqanqlu mill-ħniena ta' Alla u naqdu lil Kristu, li anki fina huwa daqshekk mkisser u sfigurat bid-dnubietna, f'ħutna li tant għandhom bżonn ħnientu. •



# BATTALJI ĠODDA




## SKOP: IKTAR MAL-ESPERJENZA SPIRITWALI TIEGĦEK TINŻEL FIL-FOND, IKTAR IL-BATTALJI JIŻDIEDU F'ĦAJTEK. ALLA JIPPERMETTI DAN LI JIĠRI BIEX IBIDDLEK U JSAĦĦEK.

### ĠESÙ WARA L-MAGĦMUDIJA

Aqra Luqa 4:1-15.

Xi ġralu Ġesù wara li l-Ispirtu s-Santu niżel fuqu fil-Magħmudija? Għidu kif taħsbu li x-xitan ittentah.

Iktar ma tesperjenza lill-Ispirtu s-Santu jaħdem f'ħajtek, iktar ix-xitan se jipprova jħott dak li jibni Alla fik. Alla jippermeti dan biex hu jbiddlu f'ġid għalik. Inti u tkun imġarrab iktar qed tissaħħaħ u tinbidel.

Il-mudell perfett li nistgħu nimxu fuqu hu Ġesù Kristu nnifsu b'ħajtu, tagħlimu u mewtu. Alla l-Missier irid jittrasformana fix-xbieha ta' Ġesù Ibnu (ara 2 Korintin 3:18: **"Aħna lkoll, li b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja skond ma jagħtina l-Mulej, li hu Spirtu"**.

Il-bidla hi proċess mhux mingħajr tbatija u wġigħ u jkollok ħafna Tabor u Golgota f'ħajtek hekk kif Alla jippermettilek li tgħaddi minn ħafna esperjenzi diffiċli sabiex iġib fik din il-bidla.

F'Mattew 3:11 insibu li Ġesù se jgħammidna bl-Ispirtu s-Santu u bin-nar. In-nar jaħraq kulma hu impur f'ħajtek bħalma jsaffi d-deheb mill-impuritajiet tiegħu. Mela, mal-esperjenza tal-Ispirtu se tesperjenza wkoll dan 'in-nar'.

### NIES JIĠĠARBU MIX-XITAN

Ħa niltaqgħu ma' esperjenzi ta' nies li ġew imġarrbin mix-xitan, kultant anqas biss bla ma ndunaw:

**1 KRONAKI 21:1.7**
Ix-xitan ittanta lil David biex jagħmel xi ħaġa li ma togħġobx lil Alla (iċ-ċensiment).

**ĠOB 1 – 2:1-7**
Ix-xitan ittanta lil Ġob biex jisħet lil Alla wara li tilef lil uliedu, il-ġid, saħħtu u r-rispett ta' martu.

**MATTEW 16:21-23**
Ix-xitan ittanta lil Ġesù bil-parir ta' ħabibu li ma kienx jaqbel mal-pjan ta' Missieru.

**ĠWANNI 8 (V 44)**
Ix-xitan ittanta lil-Lhud b'gideb u nofs veritajiet dwar Alla.

**LUQA 22:31-34**
Ix-xitan jittenta lil Pietru biex jiċħad lil Ġesù u jinqeda bil-biża' biex jagħmel dan.

**ĠWANNI 13:2**
Ix-xitan ittanta lil Ġuda biex ibiegħ lil Ġesù, jittradih għal 30 biċċa tal-fidda.

**ATTI 5:3**
Ix-xitan ittanta lil Ananija bid-diżonestà u r-regħba għal flus.

**2 KORINTIN 12:7**
Ix-xitan ittanta lil Pawlu biex jitkabbar bih innifsu u jiftaħar li hu aħjar minn ħaddieħor.



## STRATEĠIJA KONTRA T-TIĠRIB

Ladarba nafu kemm ix-xitan hu makakk u se jittentana bl-iktar affarijiet li aħna dgħajfin fihom, allura jablilna nitgħallmu kif għandna nġibu ruħna quddiem ir-realtà tax-xitan. X'parir tagħtina l-Kelma ta' Alla?

**EFESIN 4:26-27**
Tħallux ir-rabja tikkontrollakom għax twassal għall-imrar u l-vjolenza.

**2 KORINTIN 2:10-11**
Naħfru biex ma jegħlibniex ix-Xitan.

**ĠAKBU 4:6-10**
Sottomissjoni għar-rieda ta' Alla; iċċedux lix-xitan; ersqu viċin ta' Alla; itlob maħfra għall-għemejjel ħżiena; ibnu moħħkom bil-verità; kunu umli quddiem Alla.

**1 PIETRU 5:5-11**
Isimgħu it-tagħlim tal-isqfijiet u s-saċerdoti; kunu umli lejn xulxin; kunu umli quddiem Alla; agħti lil Alla dak li jtaqqlek u jinkwetak; kunu meqjusa u għassu; ieqfu lix-Xitan bil-fidi; ittamaw f'Alla u fil-pjan tiegħu għallkom.

**1 KORINTIN 10:13**
L-ebda tfixkil u taħbit mhu aqwa mill-imħabba ta' Alla li jipprovdilna l-qawwa u l-għajnuna biex nitilħu għalih.

Mela, qed naraw li għandna għadu, ix-Xitan, li ffissat li jagħtina l-gambetti u jagħmlilna ħajjitna infern. Għandna wkoll it-toqol li nġibu b'idejna, kemm fil-ħajja personali tagħna, kemm fil-familja, fuq ix-xogħol u fis-soċjetà. Id-dinja wkoll tattirana b'ħafna tlellix u stil ta' għażliet komdi. Ħafna tentazzjonijiet tad-dinja mhumiex bejn it-tajjeb u l-ħażin, imma bejn it-tajjeb u għażla konvenjenti. (versi importanti: Galatin 5:17; Ġakbu 1:14 u 1 Ġwanni 2:14-17).

F'Lhud 4:15-16 insibu: **"Aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu."**

Ġesù għadda minn ħafna esperjenzi minħabba fina biex isir ħaġa waħda magħna fid-dgħufijiet tagħna. Hu jifhem id-diffikultajiet u t-tentazzjonijiet li nħabbtu wiċċna magħhom u kapaċi jgħinna bl-aħjar mod u f'waqtu.

## L-ARMATURA T'ALLA

**AQRA EFESIN 6:10-17**
**"biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-Xitan"**: x'għandna nagħmlu? •





# X'NAQBAD NAGĦMEL?

Kemm-il darba insib ruħi f'sitwazzjoni ta' ġlieda miegħi nnifsi. Bejn dak li irrid jien u bejn dak li jrid Alla minni. Konfuż, ma nafx x'naqbed nagħmel. Nisma' l-leħen t'Alla qawwi fija u jien għax ma rridx nisma' jew minħabba l-aljenazzjonijiet tal-ħajja nibqa' għaddej mingħajr ma' nagħti widen għal-leħen ta' ġo fija.

Hija esperjenza li ma tħallikx kwiet u kalm. Dan għaliex nibqa' nirreżisti lil Alla f'ħajti. Kemm hu diffiċli li nħalli lil Alla jieħu kontroll ta' ħajti. Kemm hu diffiċli li mhux aktar noħlom jien iżda nħalli lil Alla joħlom għalija. Kemm hu diffiċli nwaqqa swar li bnejt madwari biex nħalli lil Alla jidħol f'ħajti. U nibda nsaqsi lil Alla ħafna mistoqsijiet:

- X'trid minni?
- Mhux tajjeb qiegħed jien?
- X'trid aktar minn hekk?

U b'dan kollu f'moħħi u f'qalbi nipprova naħrab u nifga s-sejħa t'Alla. Iżda Alla ma jrid xejn minni ħlief lili. Li nkun propjetà tiegħu. Li nħallih iħobbni u jmexxini kif irid Hu. F'kelma waħda li Alla jieħu l-ewwel post fil-ħajja tiegħi.

Iżda ta' bniedem li jien f'ċirkustanza bħal din nibda nara sal-ponta ta' mnieħri. Kif? Nibda nara kemm ħa nitlef affarijiet li kont drajt bihom. Ħa nitlef dak li tant ħdimt għalih. Ħa nitlef dak li lħaqt bnejt madwari u ħafna affarijiet oħra li nista' nimmaġina u nġib kull skuża possibbli biex nikkonvinċi lili nnfisi li Alla mhux lili qed isejjaħ. Nipprova nitfa' kollox taħt it-tapit. Iżda meta nagħmel hekk qatt ma nsib serħan u ferħ. Għax li nkun għamilt hu li nkun iddeċidejt li ma niddeċidix. U nibqa' fejn jien.

Din l-esperjenza tista tgħaddi minnha int. Int li fik qed tiskopri s-sejħa t'Alla li qed issejjaħlek għall-ħajja reliġjuża jew saċerdotali. Alla li jiskomodak. Alla li jġielek tqum minn fuq il-pultruna. Iqajmek mill-kumdità tal-ħajja tiegħek. Alla li jixtieq jiltaqa' miegħek wiċċ imb'wiċċ u jurik int min int u Hu min Hu. Alla li jixtieq jgħinek tiffaċja r-realtà ta' ħajtek. Iżda minn naħa tiegħek, x'se tkun ir-reazzjoni quddiem is-sejħa t'Alla. Se ġġiblu mitt skuża u bħal Mosè fil-Horeb meta sejjaħlu Alla f'ħuġġieġa nar qalb l-għollieq u tah mandat biex ikun hu l-medjatur bejn Alla u l-Fargħun biex joħroġ il-poplu mill-art tal-Eġittu u ġablu l-iskużi u qallu:

**"Min jien biex immur quddiem il-Fargħun u noħroġ lil ulied Iżreal mill-Eġittu?". "Jien ma nafx nitkellem intemem". "Jien għadni żgħir".**
**"Jien miniex kapaċi"** (Eż 3-10).

Iżda Alla meta jsejjaħlek mhux se jħallik waħdek. U bħal ma' qal lil Mosè jgħid lilek ukoll **"Jiena nkun miegħek"** (Eż 3-12). Alla jrid lilek biex jibgħatek għand il-poplu tiegħu biex twassal il-messaġġ tal-bxara t-tajba. U inti lest li ċċaħħadlu din il karba li qed jagħmillek? Jekk trid tinħeles mill-ġlieda li tkun qed tħoss ġo fik bejn dak li trid int u dak li jrid Alla minnek kun lest li tilqa' bil-ferħ u twarrab dak li bnejt u dak li ħlomt u kkopera mas-sejħa t'Alla. Is-sejħa hija sfida. Sfida sabiħa u kuraġġjuża li taf li mintiex se timxi waħdek. Alla jkun miegħek u jħarsek fil-passi kollha li tagħmel. Naf li int m'intix kapaci, imma Alla jagħmlek kapaċi li timxi t-triq kollha miegħu.

Għalhekk kuraġġ u Iftaħ qalbek beraħ għas-sejħa t'Alla. Alla qed issejjaħlek. X'se twieġeb? •



# L-EŻORĊIŻMU

## MEZZ TA' EVANĠELIZZAZZJONI

L-eżorċiżmu mhux biss jagħmel ġid u jagħti ħelsien lill-persuna posseduta, imma ħafna drabi tkun esperjenza li tagħmel ħafna ġid ukoll lill-familjari jew ħbieb li jkunu ressqu lill-persuna posseduta għand l-eżorċista. Dawn waqt il-proċess tal-eżorċiżmu, imissu b'idejhom stess realtà spiritwali li forsi qabel ftit ikunu konxji minnha. Għalhekk l-istess eżorċiżmu jsir għodda ta' evanġlizzazzjoni li tistimulak għall-konverżjoni, għat-talb, għall-impenn akbar fil-ħajja tal-fidi, għall-ħajja Kristjana aktar soda u vera.



Is-saċerdot Dun Giuzeppe Capra, waqt laqgħa għas-saċerdoti, fakkar kif fil-passat, meta kien ikun hemm xi każ straordinarju ta' possessjoni, is-saċerdot kien jieħu l-okkażjoni biex jevanġelizza u jistieden għall-konverżjoni. Jgħid hekk: **"San Gwann Bosco fl-1862 kiteb dwar każ ta' mara posseduta. Fil-kitba tiegħu isemmi ktieb ta' wieħed ħabib tiegħu Kapuċċin, Fra Carlo Filippo minn Poirino, bit-titlu: *'Il-potere delle tenebre'*. Filwaqt li San Gwann Bosco kien qed jikkoreġi t-test ta' dan il-ktieb, ix-xitan xerred il-linka fuq il-karti miktuba. Dan l-episodju seħħ ġo Val della Torre fid-Djoċesi ta' Torino, fejn mara, li kienet taħdem ir-raba', Teresa Dosio, wara li sofriet saħta minn ħuha, kellha vessazzjoni mix-xitan. Sew jekk kienet tkun f'xi ambjent miftuħ u kemm f'ambjent magħluq, kienet tiġi milquta minn ġebel mixħuta lejha minn xi ħadd li ma jidhirx. Kien hemm żmien li fih din il-mara spiċċat anki muta. Quddiem dawn il-fatti, hija, flimkien mal-familja tagħha u ħbieb ġrew lejn il-knisja biex iqerru, jitolbu w jersqu lejn il-Mulej, u fi żmien ġimgħa ġiet meħlusa u reġgħet bdiet titkellem".**

Kultant huwa x-xitan innifsu li jevanġelizza bil-kliem li jkun qed jgħid waqt l-eżorċiżmu. Naturalment dan ma jagħmlux b'mod volontarju, imma involontarjament. Għalhekk kultant din insejħulha: **"il-katekeżi involontarja tax-xitan"**. L-espressjonijiet tiegħu huma sempliċi, u ħafna drabi ripetittivi, imma li direttament jew indirettament jikkonfermaw il-verità tal-fidi nisranija tagħna.

Huma ħafna d-drabi, pereżempju, li x-xitan jafferma huwa stess, b'mod ċar ħafna, li x-xogħol prinċipali tiegħu mal-bniedem mhuwiex il-possessjoni, imma t-tentazzjoni. Darba, fil-mument li fir-Ritwal Ruman jiġi definit bħala 'malorum radix, fomes vitiorum, seductor hominum, proditor gentium', cioè 'għerq tal-ħażen kollu, għajn tal-vizzji, ingannatur tal-bnedmin u tal-popli', ix-xitan jiġbor fil-qosor u b'mod ċar u kategoriku l-ħidma tiegħu: 'id-dover tagħna hu t-tentazzjoni, dejjem, lil kulħadd, kullimkien. Xi wħud jaqgħu fix-xibka tagħna u xi wħud jaqgħu għal dejjem'. Waqt eżorċiżmu ieħor jgħid: 'Hu (Alla) irid erwieħ ħielsa u qaddisa, jiena rrid erwieħ ilsiera u skjavi'.

Rigward il-qawwa tat-talb, darba, waqt il-kliem tal-quddiesa: **"Qaddis, qaddis, qaddis, il-Mulej Alla tal-eżerċiti"**, li jingħad ukoll waqt it-tieni eżorċiżmu, ix-xitan kien kostrett li jgħid: **"jekk intom tgħixu għarkobbtejkom quddiem dan Alla u tkantaw it-tifħir tiegħu, kif jagħmlu l-anġli, aħna ma jkollniex il-poter li intom stess kultant tagħtuna fuqkom".**

Karatteristika komuni ħafna waqt l-eżorċiżmu hija l-manifestazzjoni tas-suppervja tiegħu. Tant hu hekk li darba x-xitan stess qal: **"is-suppervja tiegħi hija l-qawwa tiegħi u d-dannazzjoni tiegħi".** •



# IL-LIĠI TAL-KERA FL-AĦĦAR WASLET! (2)



Kif ktibt fl-aħħar artiklu, billi l-liġi riedet li l-kuntratt tal-kirja jkun mifrux u popolari, sa qabel l-aħħar emendi, ma kienx hemm rekwiżit li l-kuntratt ta' kera jkun bil-miktub. Kuntratt verbali kien validu ukoll. Dan huwa mod kif il-liġi tagħti aktar poter lin-nies. Tagħti lill-poplu s-saħħa li jikkuntratta bl-aktar mod sempliċi u kif l-aħjar jafu hu minngħajr ma jeħtieġlu l-formalità u l-kumplikazzjoni tal-kitba.

Naturalment matul iż-żmien din is-sitwazzjoni waslet għal diversi problemi u dubji. Mhux l-ewwel darba li jkollok kawża ta' kirja fejn is-sid jeċċepixxi l-eżistenza per se tal-kirja jew inkella l-eżistenza ta' ċerti kondizzjonijiet maqbula, apparti eċċezzjonijiet oħra fil-mertu. Dan kollu huwa riżultat tal-fatt li peress li ma kienx hemm rekwiżit ta' kitba għall-validità tal-kuntratt ta' kirja tispiċċa f'sitwazzjoni fejn parti tgħid ħaġa u l-oħra tgħid oħra. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni u tal-fatt li llum il-maġġoranza tan-nies kapaċi jiktbu u jaqraw, l-emendi ħarsu 'l quddiem u qalbu s-sitwazzjoni ta' taħt fuq.

Bl-emendi li daħlu fis-seħħ f'Jannar 2010 tlaqna minn sitwazzjoni fejn kirja kienet tista' ssir bil-fomm b'mod validu għal sitwazzjoni li jekk il-kirja llum ma tkunx bil-forma miktuba din tkun invalida u nulla. Fil-fatt l-artikolu 1531A jirrikiedi b'mod tassattiv li l-kuntratt ta' kirja ta' fond residenzjali u dak kummerċjali li sar wara l-1 ta' Jannar 2010 għandu jkun bil-kitba, fin-nuqqas dan ikun null. Il-liġi hija ċara u tapplika għall-kuntratti li jsiru wara l-1 ta' Jannar. Dawk il-kuntratti li jkunu fis-seħħ mhux se jiġu affetwati b'din l-emenda u jibqgħu validi.

L-artiklu li emenda din il-formalità ma waqafx hemm, u apparti li poġġa obbligu ta li l-kuntratt għandu jkun bil-forma miktuba stabilixxa wkoll ċerti rekwiżiti li għandhom jitniżżlu fil-kuntratt. Fin-nuqqas li jitniżżlu dawn ir-rekwiżiti l-kuntratt jkun invalidu u null. Biex wieħed japprezza kemm hija revoluzzjonarja din l-emenda, qabel il-kuntratt ta' kirja kien validu li jsir bil-fomm u ebda kondizzjoni ma kienet rikjesta mill-liġi nkluż li taqbel kemm hija twila l-kirja ma kienx essenzjali għax il-liġi kienet tali li f'każ ma kienx hemm qbil fuq it-terminu kienet awtomatikament tapplika bħala terminu tal-kirja ż-żmien tal-ħlas tal-kera, cioè tara jekk eżempju l-ħlas isir fix-xahar, kull sitt xhur jew sena.

Bl-emendi (apparti li l-kuntratt irid ikun bil-kitba) jekk tħalli wieħed mill-ħames kundizzjonijiet barra dik il-kirja qisa' ma tiswa' xejn u tkun nulla. Dawn il-kudizzjojnijiet jikkonsistu fl-inklużjoni ta':

a) deskrizzjoni tal-propietà mertu tal-kirja,

b) qbil ċar għall-użu ta' dik il-proprietà mertu tal-kirja,

ċ) il-perjodu jew terminu li għalih il-proprietà se tkun mikrija,

d) irid jiġi nkuż ukoll jekk il-kirja inkwistjoni se tkun estiża fl-aħħar tagħha u

e) l-ammont ta' kera li se jiġi mħallas u kif din il-kirja se tiġi mħallsa.

Uħud minn dawn ir-rekwiżiti se jkunu kontroversjali u se jagħtu lok għal ħafna interpretazzjonijiet.

Fl-artikolu li jmiss inkompli bl-apprezzament tiegħi dwar l-emendi tal-liġi tal-kera. •



# F'DAN IŻ-ŻMIEN QADDIS...

F'dan iż-żmien qaddis tas-sena
Għandna ħafna drawwiet sbieħ
Li jagħżluna minn ġnus oħra:
Tas-smewwiet dawn il-muftieħ!

Niesna ssum u qatigħ titlob
Tul il-ġranet tar-Randan
Erbgħin jum ta' penitenza –
Għalhekk jiġi żmien bħal dan!

Għarkubbtejha tirrifletti
Minn kemm għadda tbatijiet
U fit-Triq tas-Salib tilmaħ
Kristu fl-istazzjonijiet.

Tmur ukoll għall-Eżerċizzi
Sabiex tisma' l-Kelma t'Alla
Għalkemm Kristu bata w sofra
Tal-Kbarat il-pjan kien falla...

Tagħmel l-almu sabiex tħaffef
Lejn il-knisja tal-parroċċa
Għall-funzjonijiet mill-isbaħ
Mal-familja bħal qaqoċċa.

B'devozzjoni wkoll tinġabar
Fil-ġurnata tad-Duluri
U fil-knisja b'damask vjola
Qima w għożża lilha turi.

Iteġġ imbagħad Ħamis ix-Xirka
Lis-Sepulkru nagħmlu żjara;
Min bl-imħatra jagħmlu l-isbaħ
Tassew dehra jkun fih x'tara!

Żgur li l-qofol ta' dan kollu
Hi bla dubju l-Ġimgħa Mqaddsa;
Kristu bata, miet, irxoxta,
Bla ma qies kulur jew razza.

Bil-għuż għadha n-nies tiffolla
Sabiex tara l-purċissjoni
Li fil-Ġimgħa l-Kbira toħroġ
Wara tal-knisja l-funzjoni!

U jekk ma' triqatna tiġri
Tara ħafna mill-wirjiet
Ta' statwetti illi jdommu
Tal-Passjoni il-ġrajjiet.

Jalla daż-żmien qaddis jiġi
U jimliena bil-barkiet
Illi Kristu bil-Passjoni
Tiegħu lilna għamel ulied.




# ...U GĦANNAQHA MIEGĦU

## RAKKONT LI JQABBEŻ ID-DMUGĦ



Waħda mara nzertat qed tagħmel ix-xirja f'Supermarket, meta nnutat il-kaxxiera tagħti xi flus lura lil tifel ċkejken. Ma kellux aktar minn 8 jew 9 snin. Semgħet il-kaxxiera tgħidlu: **"Jiddispjaċini, imma m'għandekx flus bizzejjed biex tixtri din il-pupa"**. It-tifel dar lejn nanntu li kienet ħdejh u staqsiha: **"Żgur li m'għandix flus biżżejjed?"** Nanntu, bil-ħlewwa kollha weġbitu: **"Le, m'għandekx biżżejjed għal din il-pupa"**. Qaltlu biex jibqa' jistenniha ħames minuti hemm sakemm tmur tara ssibx waħda orħos. U telqet.

Sadattant, it-tifel baqa' jżomm il-pupa f'idejh. Il-mara resqet bil-kwiet ħdejh u staqsietu għal min kienet il-pupa. Qallilha: **"Din hija l-pupa li oħti xtaqet ħafna li tirċievi bħala rigal tal-Milied. Kienet żgura li Santa Klaws kien se jġibhielha"**. Il-mara qaltlu biex ma jinkwetax għax forsi Santa Klaws jiddeċiedi li jġibhielha. **"Le"** kien pront qalilha. Santa Klaws ma jistax iġibhielha l-pupa fejn hi bħalissa. Irrid nagħti l-pupa lill-mummy biex toħodhielha hi meta titlaq hi wkoll'. Għajnejn it-tifel kienu mdemmgħin meta kompla: **"Oħti telqet biex tmur ħdejn il-Bambin. Id-daddy qalli li ommi se tara lill-Bambin dalwaqt u tkun tista' tieħu l-pupa magħha biex tagħtiha lil oħti..."**

Dak il-ħin qalb il-mara kważi waqfet għal kollox. It-tifel refa' għajnejh lejha u qaliha: "**Għidtlu lid-daddy biex ma jħallix lil mummy titlaq qabel ma nasal lura mix-xirja**". Dak il-ħin, it-tifel wera ritratt sabiħ tiegħu nnifsu lil dik il-mara. Kien qed jidħaq. Imbagħad qalilha: **"Irrid lill-mummy tieħu magħha dan ir-ritratt tiegħi biex ma tinsinix"** U żied: **"Kemm nixtieq li l-mummy ma kellhiex bżonn titlaq u tħallini warajha, imma d-daddy qalli li jkollha tmur biex toqgħod ma' oħti"**. Imbagħad, reġa' ta ħarsa mdejqa lejn il-pupa li kien għad kellu f'idejh u għannaqha miegħu

Malajr malajr, il-mara daħħlet idejha fil-portmoni li kien fil-basket, ħadet xi ħaġa tal-flus minnu, u bil-kwiet u mingħajr ma ħallietu jinduna b'xejn, qaltlu: "**Min jaf kieku kellna nerġgħu niċċekkjaw forsi għandek biżżejjed biex tixtri l-pupa.**" "**OK**" qalilha: "**Kemm nixtieq li għandi biżżejjed**". Il-mara poġġiet il-flus tagħha ma' tiegħu mingħajr ma nduna u bdew jgħoddu l-flus flimkien. "**Iva**", għajjat bil-ferħ it-tifel. "**Mhux talli għandi biżżejjed, imma hemm ukoll xi ħaġa żejda. Grazzi Ġesù li tajtni flus biżżejjed**".

It-tifel ħares lejn il-mara u qalilha: "**Il-bieraħ qabel irqadt, tlabt ħafna lil Ġesù biex jara li jkolli flus biżżejjed biex nixtri l-pupa, ħalli l-mummy tkun tista' twassalha lil oħti. Semgħani. Xtaqt ukoll li jkolli biżżejjed flus biex nixtri warda bajda għal mummy, imma ma tlabtux għax ma ridtx nitolbu żżejjed. Imma Ġesù tani biżżejjed flus biex nixtri l-pupa u l-warda bajda. Il-mummy tħobbu ħafna l-ward abjad**".



Dak il-ħin il-mara rat lix-xwejħa riesqa u warrbet minn ħdejn it-tifel biex ma tagħtix fil-għajn. Kompliet bix-xirja tagħha b'qalbha mħawda għal dak li kellha tassisti għalih. Ma setgħetx tneħħi wiċċ l-imsejken tfajjel minn quddiem għajnejha. Imbagħad, dak il-ħin ftakret f'artiklu li kienet qrat jumejn qabel fil-gazzetta, dwar raġel li kien xurban u daħal bit-truck tiegħu f'karrozza misjuqha minn mara żgħażugħa li magħha kellha tifla żgħira. It-tifla mietet mad-daqqa imma l-omm kienet tinsab f'qagħda kritika. Kienet f'koma li jidher li minnha ma setgħetx toħroġ. Tgħid din kienet il-familja ta' dan it-tifel ċkejken?

Jumejn wara l-laqgħa mat-tifel, il-mara qrat fl-istess gazzetta li l-omm mietet ukoll. Dak il-ħin ma setgħetx tirreżisti lilha nfisha milli tixtri bukkett ward abjad. Mill-ewwel baqgħet sejra lejn id-dar tal-familja tat-tifel fejn kien hemm il-ġisem mejjet tal-omm espost għal min ried imur jagħtiha l-aħħar

Dak il-ħin il-mara rat lix-xwejħa riesqa u warrbet minn ħdejn it-tifel biex ma tagħtix fil-għajn. Kompliet bix-xirja tagħha b'qalbha mħawda għal dak li kellha tassisti għalih. Ma setgħetx tneħħi wiċċ l-imsejken tfajjel minn quddiem għajnejha. Imbagħad, dak il-ħin ftakret f'artiklu li kienet qrat jumejn qabel fil-gazzetta, dwar raġel li kien xurban u daħal bit-truck tiegħu f'karrozza misjuqha minn mara żgħażugħa li magħha kellha tifla żgħira. It-tifla mietet mad-daqqa imma l-omm kienet tinsab f'qagħda kritika. Kienet f'koma li jidher li minnha ma setgħetx toħroġ. Tgħid din kienet il-familja ta' dan it-tifel ċkejken?

tislima. L-omm kienet fit-tebut u f'idejha kellha warda bajda, ir-ritratt tat-tifel u l-pupa.

Il-mara ħarġet minn dik d-dar b'qalbha mnikkta u bid-dmugħ f'għajnejha. Kienet mistagħġba bl-imħabba kbira li dan it-tifel ċkejken kellu għal ommu u għal oħtu. Kienet xbiha li minkejja li għadda ż-żmien, il-mara baqgħet tiftakarha.

X'ħasra! F'sekonda, xufier xurban irnexxielu jkisser familja u seraq l-imħabba lejn tnejn min-nies minn qalb tifel ċkejken. •



# SAN PAWL IL-POETA U L-GLOBALIZZAZZJONI (1)



L-Appostlu Pawlu huwa, wara Kristu, l-aktar figura fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu li jintriga l-istudjużi tal-Bibbja u l-istoriċi. Hu magħruf l-aktar mill-Ittri li kiteb, sors primarju dwar il-personalità u l-ħidma missjunarji tiegħu. Hu permezz tal-Ittri li ħalla l-akbar impatt fuq il-Kristjaneżmu. Hemm elementi fih li jissorprendu, ngħidu aħna, il-fatt li rnexxielu jkun flessibbli mal-lingwaġġ Lhudi u mal-kultura Griega fl-istess ħin, jew kif kien appostlu għal-Lhud u għall-pagani fi żminijiet meta l-preġudizzji reliġjużi u s-saħħa tat-tradizzjoni kienu fl-aqwa tagħhom.

M'hemmx kunsens bejn l-istoriċi dwar meta dan Pawlu (bil-Lhudi 'Sawlu') twieled f'Tarsus (Atti tal-Appostli 22:3), fiċ-Ċiliċja fl-Asja Minuri (it-Turkija ta' llum), għalkemm jaqblu li l-aktar snin probabbli kienu s-snin 7 u 10 wara Kristu. Hu minħabba din il-probabbiltà storika li l-Papa Benedettu XVI iddikjara s-sena 2008 - 2009 bħala s-sena bi-millennarja (2000 sena) mit-twelid tal-Appostlu tal-Ġnus. Hi sena ta' aktar qari, riflessjonijiet, tagħlim u pubblikazzjonijiet fuq San Pawl. Għażilt li nikkummenta fil-qosor fuq ir-rabta tal-Maltin ma' San Pawl kif tidher fil-poeżiji ta' Dun Karm, Il-poeta nazzjonali (1871-1961), b'referenza ma' siltiet mill-Bibbja, l-aktar mal-Ittri ta' San Pawl.

## SAN PAWL U L-POEŻIJA

San Pawl kien midħla tal-poeżija Griega, kif jidher minn episodju li nsibu fl-Atti tal-Appostli. Hu u jirrakkonta ż-żjara ta' Pawlu fil-belt ta' Atene, San Luqa jemfasizza d-diskors ta' Pawlu lin-nies ta' din il-belt Griega magħrufa għall-kultura klassika. F'parti mid-diskors tiegħu (Atti 17:28), Pawlu jikkwota mill-poeżija Phaenomena ta' Aratus, poeta Grieg

antik ta' bejn ir-raba' u t-tielet seklu qabel Kristu. Pawlu jinqeda b'din il-poeżija biex jargumenta li r-reliġjon ta' Atene ma kinetx għajr idolatrija. Waqt li jikkundanna l-panteiżmu, jasserixxi li l-vera reliġjon qegħda fil-qima ta' Alla, sid il-ħajja u l-ħolqien. Din is-silta turina kemm San Pawl kien jaf tajjeb il-letteratura u l-filosofija Griega. Bix-xieraq, għalhekk, li San Pawl ikun imfakkar fil-poeżija Maltija, u preċiżament fil-poeżija ta' Dun Karm.

## SAN PAWL U L-DUN KARM

Bejn l-1915 u l-1945, Dun Karm kiteb għoxrin poeżija dwar San Pawl u l-Maltin, u ġabarhom kollha taħt l-isem Il-X ta' Frar, kif jidhru fl-antoloġija ta' Oliver Friggieri (1980), DUN KARM: Il-Poeżiji Miġbura, pp 153-173. Bla ma nidħlu fil-mertu letterarju tagħhom, ngħidu biss li fihom hemm għażla ta':

Sitt sunetti petrarkjani, disgħa poeżiji mibnija fuq kwatrini, u l-ħamsa l-oħra huma

- poeżija bi strofi sestini,
- waħda bil-vers maħlul,
- poeżija saffika,
- djalogu, u
- traduzzjoni mill-Ingliż ta' John Henry Newman – 20 b'kollox.

L-ispirazzjoni prinċipali ġejja mill-ġrajja tal-miġja ta' San Pawl f'Malta, iżda magħha jintrabtu żewġ temi oħrajn li għal Dun Karm kienu daqstant importanti:

- il-qlubija tal-Maltin fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565 u
- l-identita' ta' Malta bħala nazzjon nisrani.

Bejn dawn it-tliet temi Dun Karm jara kontinwità storika u r-rieda soda tal-Maltin li ma jħallux lil Malta taqa' lsira taħt l-ebda forma ta' jasar. Għalhekk, it-tliet temi dwar San Pawl, il-Kristjaneżmu u n-Nazzjonalità marbutin flimkien jagħtuna poeżija epika f'ġieħ l-istorja, ir-reliġjon u l-identità tal-Maltin. Hu interessanti ninnotaw kif il-ħsibijiet reliġjużi f'dawn il-poeżiji jirriflettu t-tagħlim fuq San Pawl kif jidher fl-Atti u fl-Ittri. Għalhekk, din il-ġabra ta' poeżiji, barra mill-valur letterarju, għandha valur bibbliku Pawlin, kif se naraw. Bħaċ-ċarezza, waqt li nirreferi għal siltiet mill-poeżiji, se nġib id-data ta' meta nkitbet il-poeżija, skond il-pubblikazzjoni ta' Friggieri. •

"...Dun Karm jara kontinwità storika u r-rieda soda tal-Maltin li ma jħallux lil Malta taqa' lsira taħt l-ebda forma ta' jasar. Għalhekk, it-tliet temi dwar San Pawl, il-Kristjaneżmu u n-Nazzjonalità marbutin flimkien jagħtuna poeżija epika f'ġieħ l-istorja, ir-reliġjon u l-identità tal-Maltin."





# IL-BOLOL TA' MALTA (20)

## BOLOL DEFINITTIVI



### L-ISTORJA TAL-INDUSTRIJA MALTIJA

Dan is-sett definittiv b'disinn ta' Frank Portelli jieħu post l-ewwel sett deċimali definittiv li tneħħa mill-bejgħ fit-30 ta' Ottubru 1981. Is-sett il-ġdid li ħareġ fil-31 ta' Ottubru 1981 juri l-ħafna tipi ta' industrija ta' Malta, mill-bini tat-tempji megalitiċi u l-kostruzzjoni tal-bastimenti tal-injam sat-teknoloġiji sofistikati assoċjati mal-industriji moderni tal-baħar u tal-ajru. Setturi oħra juru ż-żminijiet tat-tkabbir tal-qoton, l-istampar tal-muniti, l-arti, is-sajd, l-agrikultura, it-tħaffir tal-barrieri, it-tagħsir tal-għeneb, it-tiswija u l-bini tal-vapuri, l-enerġija, it-telekomunikazzjoni, l-industrija u t-tħaffir għall-ilma. Kollha flimkien dawn juru s-sengħa versatili u l-milja ta' riżorsi inerenti ta' nazzjon hu u jħares lejn il-futur b'kuraġġ, determinazzjoni u ħila.

## BINI U TISWIJA TAL-VAPURI




Ftit wara l-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, il-Kavallieri bnew bażi għat-tiswija u l-manutenzjoni tax-xwieni tagħhom. 300 sena wara, l-Ingliżi wżaw din l-istess bażi bħala tarzna navali fejn mill-1959 'il quddiem beda jsir xogħol kummerċjali. Il-Posta ta' Malta fid-29 ta' Jannar 1982 ħarġet erba' bolol, tat-3ċ, tat-8ċ, tat-13ċ u tas-27ċ, fuq disinn ta' Norbert Attard, li juru x-xogħol li kien qed isir fit-tarzna ta' Malta.

## IL-KURA TAL-ANZJANI




Il-popolazzjoni tad-dinja kull ma tmur qed tixjieħ, anki fil-pajjiżi tat-tlelet dinja. Mill-1969 Malta ressqet din il-problema quddiem il-Ġnus Magħquda biex tingħata iktar attenzjoni għall-kura tal-anzjani fil-komunità. Kien unur għalina meta l-Professur Anthony Debono kien elett President tal-Assemblea Dinjija għall-Anzjani. Biex tfakkar din l-Assemblea, il-Posta ħarġet żewġ bolol tat-8ċ u tat-30ċ fuq disinn ta' Raymond Pitrè fis-16 ta' Marzu 1982.

## EWROPA 1982




It-tema tal-bolol tal-Ewropa għal din is-sena kienet l-istorja. Għalhekk il-Posta fid-29 ta' April 1982 ħarġet żewġ bolol dwar avveniment storiku f'Malta fuq disinn ta' Frank Portelli. Il-bolla tat-8ċ turi meta l-Maltin fdew lill-pajjiż fl-1420 billi ħallsu 30,000 fjorin tad-deheb lil Don Gonsalvo Monroi. Dik tat-30ċ turi d-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet fl-1802 meta pajjiżna aċċetta l-ħakma Ingliża f'Malta filwaqt li afferma d-dritt tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali. •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta jew 100 bolla differenti ta' barra minn Malta, ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19 fl-indirizz ta' hawn taħt.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**Kemm-il bolla fih is-sett definittiv il-ġdid tal-1981?**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni jitħabbru fil-ħarġa li jmiss.**




# dawlFranġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

## Rivista ta' kull xahar bil-kulur bi 32 paġna

**ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK GĦAS-SENA 2010**

---

**IVA NIXTIEQ** *(immarka fejn jgħodd għalik)*

☐ **Inġedded l-Abbonament tiegħi**

☐ **Nibda nirċievi dawlFranġiskan għall-ewwel darba**

Isem ..............................................................

Indirizz ..............................................................

..............................................................

Post Code .......................... Ammont € ..........................

---

**IVA NIXTIEQ** *(immarka fejn jgħodd għalik)*

☐ **Nagħti Abbonament rigal lil:**

Isem ..............................................................

Indirizz ..............................................................

..............................................................

Post Code .......................... Ammont € ..........................

Donatur (isem u kunjom) ..............................................................

---

**IVA NIXTIEQ** *(immarka fejn jgħodd għalik)*

☐ **Nagħmel offerta ġeneruża**

Isem ..............................................................

Indirizz ..............................................................

..............................................................

Post Code .......................... Ammont € ..........................

---

**Meta ġġedded l-abbonament €9.32 jew tagħmel offerta:**

- Tiżgura li f'darek jasallek dawlFranġiskan kull xahar tas-sena…
- Tagħti ċans lilek innifsek tiltaqa' ma' Aħbar ta' fejda li ddawlek u sserrħek…
- Inti stess ikollok sehem fil-ħidma missjunarja mal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja u f'Kuba…
- Bi flusek tgħin biex dawlFranġiskan jitfi d-dlam u bil-Kelma t'Alla jinżergħu l-Paċi u l-Ġid.

**GRAZZI**

***Jekk diġà ħallast għas-sena 2010 jew jekk fil-ġenerożita tiegħek għamilt xi offerta injorah dan l-avviż.***

Indirizza l-offerta tiegħek b'ċekk/ Postal Order lil:
**Amministratur**
**dawlFranġiskan**
**Kunvent tal-Franġiskani Kapuċċini**
**Triq l-Isqof F.X Fenech**
**Floriana FRN1211**

# ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal, din hi rokna għalikom. Sibu l-kliem mitlufin.

**Mill-Apokalissi**

| | |
|---|---|
| ASER | LVANT |
| BENJAMIN | MANASSI |
| BOJOD | NEFTALI |
| ĠBIN | PALM |
| ĠENS | RUBEN |
| ĠUŻEPPI | SALVAZZJONI |
| GAD | SINJUR |
| ISSAKAR | TAĦBIT |
| KENN | TRIBU |
| LEVI | ŻEBULUN |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | X | I | N | O | J | Z | Z | A | V | L | A | S |
| V | E | Ġ | E | N | S | W | I | S | K | A | R | N |
| T | M | N | U | G | A | S | Ħ | P | I | V | E | L |
| A | S | E | J | Ż | S | M | W | V | A | B | O | J |
| Ħ | I | L | C | A | E | Ż | E | B | U | L | U | N |
| B | Z | S | K | V | M | X | P | R | M | O | M | E |
| I | Ħ | A | N | E | T | I | W | A | G | S | V | F |
| T | R | I | B | U | S | N | N | T | I | M | I | T |
| Z | S | D | R | S | C | Ħ | A | N | I | B | Ġ | A |
| F | A | C | A | Ż | W | S | J | V | R | H | O | L |
| G | P | N | N | E | K | U | A | F | L | C | Z | I |
| X | A | R | I | B | R | V | D | O | J | O | B | P |
| M | W | R | E | S | A | I | P | P | E | Ż | U | Ġ |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħ/a ta' Jannar 2010 jitħabbar fil-ħarġa li jmiss**

# TISLIBA - 95



1. X'bagħtet lis-sidien. (Tob 2,12) **(5)**
2. Bħal din f'nofs mergħa. (Mik 2,12) **(6)**
3. Tgħidx x'għamilt! (Sir 5,4) **(5)**
4. Ta' liema żmien trid tkun l-offerta. (Lev 2,14) **(5)**
5. Imna, ..., Iswi. (1 Kron 7,30) **(4)**
6. Bħal dan li jinxef. (1 Pt 1,24) **(5)**
7. Jaqa' f'... min silfu. (Prov 22,7) **(5)**
8. Popli, ġnus u dawn. (Dan 3,4) **(5)**
9. Jingħat dan mhux tal-ħobż. (Għam 8,11) **(3)**
10. Inti waħdek hekk? (Lq 24,18) **(7)**
11. u 12. Min ma jridx... ma jikolx. (2 Tess 3,10) **(6)**
13. Bejn Sorgħa u hawn. (Imħ 16,31) **(6)**
14. Twajba, *ta' ħniena*, aħfru. (Efes 4,32) **(5)**
15. M'hemm sliem għal bniedem hekk. (Ħab 2,5) **(5)**
16. Jekk hu sewwa agħtuhuli. (Żak 11,12) **(5)**
17. Hekk hu tal-ħtija. (Atti 3,15) **(5)**
18. Belt li taħbat qrib Kus. (Ġdt 7,18) **(7)**
19. Ġesù raddha wara għajta kbira. (Mt 27,50) **(4)**
20. U... in-nar lill-bibien. (Mak 1,8) **(3)**
21. Ħu Abraham. (Ġoż 24,2) **(5)**
22. Agħmlu hekk lill-inġustizzji. (Is 1,17) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR 2010:**
***1. Ajkla; 2. Ħittin; 3. Inbid; 4. Soħor; 5. Tfal; 6. Sapun; 7. Jsinn; 8. Offra; 9. Lot; 10. Iħallsu; 11. u 12. Infern; 13. Romblu; 14. Xabla; 15. Anqas; 16. Timxu; 17. Hdura; 18. Attenti; 19. Tajn; 20. Mod; 21. Lejja; 22. Xalar.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir rebbieħ/a ta' Jannar 2010 jitħabbar fil-ħarġa li jmiss**



# Q.T. BENEDITTU XVI DWAR QADDISIN, MARTRI U PERSUNI TWAJBA LI TAW XHIEDA FI ĦDAN IL-KNISJA KATTOLIKA SA MILL-BIDU TAGĦHA

## In-Nisa ma abbandunawx lil Ġesù

Għal din il-Katekeżi il-Q.T. Benedittu XVI għażel is-sehem tan-nisa fl-istorja tal-Knisja u beda biex iffakkarna li Ġesù għażel tnax-il raġel biex ikunu l-missirijiet ta' Iżrael il-ġdid u biex ikunu miegħu ħalli jxandru l-messaġġ, imma fost id-dixxipli tiegħu għażel bosta nisa... u huma kellhom sehem kbir u attiv fil-missjoni ta' Ġesù. Il-Papa jgħidilna li fl-ewwel post kien hemm Marija, li bil-fidi kbira tagħha u l-mod matern li bih ħadet ħsieb Binha, ħadmet b'mod uniku għas-salvazzjoni tagħna. Hi saret waħda mid-dixxipli ta' binha u għaldaqstant imxiet warajh anki sa taħt is-Salib fejn irċeviet il-missjoni li tkun omm id-dixxipli tiegħu kollha sa tmiem iż-żminijiet.

Wara li l-Papa għadda biex isemmi bosta nisa li jissemmew fl-Evanġelju, fosthom lil Susanna u lil ħut Lazzru: Martha u Marija, jgħidilna ċar u tond li n-nisa m'għamlux bħat-Tnax li telquh matul il-Passjoni tiegħu. Fost dawn tispikka Marija Madalena li kienet l-ewwel xhud tal-Qawmien tiegħu mill-Imwiet... u ħabbret dan lill-oħrajn. Hawnhekk il-Papa jfakkarna fi kliem San Tumas Akkinu li jistqarr li Marija Madalena kienet... **"l Appostlu tal Appostli."**

Minn hawn il-Papa jitkellem dwar l-ewwel komunitajiet Nsara fejn jgħid li l-preżenza tan-nisa qatt ma kienet meqjusa li tiġi fit-tieni post. Fil-fatt jikkwota lil San Pawl li jibda mill-prinċipju fundamentali li: **"fost l-imgħammdin ma kienx hemm aktar Lhudi jew Grieg, ma kienx hemm aktar min hu skjav jew ħieles, ma kienx hemm aktar raġel jew mara."** Anzi l-Papa jfakkarna li aktar 'l quddiem l-Appostlu tal-Ġnus jgħid li kienet ħaġa normali li fil-komunitajiet Nsara kien hemm nisa li jipprofetizzaw, fi kliem ieħor nisa li jitkellmu, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu għall-edifikazzjoni, għat-tagħlim tal-komunità.

Għaldaqstant il-Papa jqis li d-dikjarazzjoni sussegwenti ta' San Pawl: 'li n-nisa għandhom joqogħdu bi kwiethom fil-knejjes" għandha tiġi meqjusa mhiex assoluta anzi..., skont il-Papa, **"il-problema... tar-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ ħjiel, li jidhru kontradittorji, għandha titħalla għall-istudjużi."**

Il-Papa Benedittu XVI iħoss li l-istorja tal-Kristjaneżmu kienet tiżviluppa b'mod differenti li ma kienx għas-sehem tan-nisa u fakkar kif Ġwanni Pawlu II kiteb: **"Il-Knisja tirringrazzja għal kull u lil kull mara... għall-manifestazzjonijiet tal-ġenju femminili."**

Il-Papa għalaq din il-Katekeżi hekk: **"Aħna naqblu ma' dan l-apprezzament billi nirringrazzjaw lill-Mulej għax hu jmexxi l-Knisja tiegħu, ġenerazzjoni wara oħra, billi bla ebda diskriminazzjoni juża rġiel u nisa li jafu jagħmlu użu tajjeb mill-fidi tagħhom, fidi li tagħti l-frott... għall-ġid tal-ġisem kollu tal-Knisja."** •



## Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel…

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
P. Crispin Tabone OFMCap,
Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**